IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2014
COM(2014) 904 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U L-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2015

(ippreparat skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolamenti (UE) Nru 1176/2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi)
{SWD(2014) 346 final}

Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (Alert Mechanism Report, AMR) huwa l-punt tat-tluq fiċ-ċiklu annwali tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (Macroeconomic Imbalance Procedure, MIP), li għandu l-għan li jidentifika u jindirizza l-iżbilanċi li jfixklu l-funzjonament tajjeb tal-ekonomiji tal-Istati Membri, l-ekonomija tal-UE, u jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tajjeb tal-unjoni ekonomika u monetarja.

L-AMR juża tabella ta' valutazzjoni ta' 11-il indikatur, flimkien ma' sett usa' ta' indikaturi awżiljarji, li jissorveljaw l-Istati Membri għal żbilanċi ekonomiċi potenzjali li jeħtieġu azzjoni politika. L-Istati Membri identifikati mill-AMR imbagħad jingħataw reviżjoni fil-fond (In-Depth Review, IDR) mill-Kummissjoni biex jiġi vvalutat kif ir-riskji makroekonomiċi fl-Istati Membri qed jakkumulaw jew jisstralċjaw, u biex jiġi konkluż jekk jeżistux żbilanċi, jew żbilanċi eċċessivi.

Il-Kummissjoni se tippubblika l-IDRs fir-rebbiegħa tal-2015 u s-sejbiet se jiġu inkorporati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż skont "is-Semestru Ewropew" għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-iżbilanċi makroekonomiċi għadhom ta' tħassib serju u jenfasizzaw il-ħtieġa għal azzjoni politika deċiżiva, komprensiva u kkoordinata. L-ekonomiji tal-UE qed ikomplu jagħmlu progress fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi esterni u interni tagħhom. Id-defiċits għoljin u mhux sostenibbli fil-kontijiet kurrenti tnaqqsu b'mod konsiderevoli, ġew eliminati, jew inbidlu f'surpluses u l-proċess ta' tiswija tal-karta tal-bilanċ miexi 'l quddiem fis-setturi kollha fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Barra minn hekk, l-irkupru fil-kompetittività huwa inkoraġġanti, b'riżultat tal-korrezzjonijiet endoġini u r-riformi fis-suq, iżda ż-żamma tal-kompetittività 'l quddiem baqgħet punt ewlieni ta' tħassib b'mod partikolari għall-Istati Membri bi żbilanċi esterni kbar. Il-livelli għoljin ta' dejn privat u pubbliku f'ħafna pajjiżi, u l-obbligazzjonijiet esterni għoljin f'ħafna minnhom, għadhom jikkostitwixxu dgħufijiet sostanzjali għat-tkabbir, l-impjiegi u l-istabbiltà finanzjarja. Il-qgħad u indikaturi soċjali oħrajn għadhom inkwetanti ħafna f'diversi pajjiżi, u t-tkabbir ekonomiku ma kienx biżżejjed biex iwassal għal titjib sostanzjali fid-dejta tax-xogħol u dik soċjali.

It-tkabbir kajman u l-inflazzjoni baxxa huma ta' piż fuq it-tnaqqis tal-iżbilanċi u r-riskji makroekonomiċi. Id-dejta maħruġa matul is-sajf u l-aħħar tbassir ekonomiku[1] juru li l-attività ekonomika tilfet il-*momentum* tagħha u t-tendenzi ta' diżinflazzjoni ssaħħew f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE. Fl-2014 u l-2015, l-attività ekonomika tal-UE hija mistennija tikber għal 1¼ u 1½ fil-mija, wara li rrappurtat tkabbir żero fl-2013. Fiż-Żona tal-Euro, ir-rati ta' tkabbir tal-PDG reali huma –½, +¾ u ftit aktar minn 1 fil-mija fl-2013, 2014 u 2015, rispettivament. Iċ-ċifri aggregati jaħbu differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Filwaqt li xi Stati Membri, bħall-pajjiżi Baltiċi, ir-Repubblika Ċeka, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja u r-Renju Unit irrapportaw tkabbir tal-produzzjoni relattivament robust fl-ewwel tliet kwarti tal-2014, u l-Istati Membri bħal Spanja u s-Slovenja rnexxielhom jirkupraw wara aġġustament ekonomiku qawwi, ekonomiji oħrajn, kemm kbar kif ukoll żgħar, baqgħu kajmana. Dawn id-diverġenzi jirriflettu karatteristiċi idjosinkratiċi, bħalma huma l-pressjonijiet distinti ta' tnaqqis fl-ingranaġġ, u ħtiġijiet u ritmi differenti ta' konsolidazzjoni fiskali, kif ukoll espożizzjoni differenti għall-iżviluppi globali, iżda anke differenzi fil-kapaċità ta' aġġustament u determinazzjoni li jiġu implimentati r-riformi[2]. Id-dgħufija tal-

[1] "European Economic Forecast-Autumn 2014" , *European Economy*, 2014(7).

[2] Għal indikaturi sintetiċi dwar konformità mar-rakkomandazzjoni politiċi, ara Deroose, S. u J. Griesse, 'Implementing Economic Reforms–Are EU Member States Responding to European Semester Recommendations?' *ECFIN Economic Brief*, 2014(37).

attività ekonomika fl-UE kollha kemm hi hija relatata wkoll man-natura asimetrika ħafna tar-riekwilibriju sa issa, b'domanda domestika dgħajfa fil-pajjiżi krediturі li ssostni b'mod persistenti surpluses kbar fil-kont kurrenti. Marġnijiet negattivi kbar tal-potenzjal tal-produzzjoni f'diversi pajjiżi, tkabbir dgħajjef, nuqqasijiet konsiderevoli fis-swieq tax-xogħol, u żviluppi qawwija ta' diżinflazzjoni fl-ekonomija globali jimplikaw li l-inflazzjoni kienet baxxa ħafna u hija mistennija li tibqa' taħt id-definizzjoni tal-BĊE ta' stabbiltà tal-prezzijiet għal perjodu twil. Inflazzjoni baxxa ħafna iżżid ir-riskji relatati ma' pożizzjonijiet eċċessivi ta' dejn u żżid l-ispejjeż ekonomiċi ta' riekwilibriju u tnaqqis fl-ingranaġġ.

Dan ir-rapport jagħti bidu għar-raba' ċiklu annwali tal-MIP[3]**.** Il-proċedura għandha l-għan li tidentifika l-iżbilanċi li jfixklu l-funzjonament tajjeb tal-ekonomiji tal-Istati Membri, taż-Żona tal-Euro jew tal-UE kollha kemm hi, u li tixpruna r-reazzjonijiet politiċi tajbin. L-implimentazzjoni tal-MIP hija integrata fis-"Semestru Ewropew" tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika bil-għan li tiżgura l-konsistenza mal-analiżijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jsiru skont għodod oħrajn ta' sorveljanza ekonomika. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (Annual Growth Survey, AGS), li jiġi adottat fl-istess żmien ta' dan ir-rapport, iqis is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fl-Ewropa u jistabbilixxi prijoritajiet ta' politika wesgħin għall-UE kollha kemm hi għas-snin li ġejjin.

Dan ir-Rapport jidentifika l-Istati Membri li jistgħu jkunu affettwati minn żbilanċi li jeħtieġu azzjoni politika u li għandhom isiru reviżjonijiet aktar fil-fond għalihom. L-AMR huwa għodda ta' eżami analitiku għal żbilanċi ekonomiċi, ippubblikati fil-bidu ta' kull ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Huwa bbażat fuq tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi b'limiti indikattivi, flimkien ma' sett ta' indikaturi awżiljarji, fil-bidu taċ-ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Mis-sena l-oħra, l-indikaturi awżiljarji koprew ukoll għadd ta' indikaturi tal-impjiegi u soċjali rilevanti. L-introduzzjoni ta' dawn l-indikaturi fil-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għandha tintuża bis-sħiħ sabiex jinftiehem aħjar is-suq tax-xogħol u l-iżviluppi u r-riskji soċjali. It-tabella ta' valutazzjoni aktar dettaljata ta' indikaturi dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali fl-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tippermetti wkoll fehim usa' tal-iżviluppi soċjali. Se jitwettqu analiżijiet aktar dettaljati u inklużivi għall-Istati Membri indikati mill-AMR fir-reviżjonijiet fil-fond (IDRs). Sabiex jitħejjew l-IDRs, il-Kummissjoni se tibbaża l-analiżi tagħha fuq serje ta' dejta ħafna aktar vasta: se jitqiesu l-istatistiki pertinenti kollha, id-dejta rilevanti kollha, il-fatti materjali kollha. Kif stabbilit fil-Leġiżlazzjoni[4], il-Kummissjoni se tikkonkludi jekk jeżistux żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi, u sussegwentement tħejji r-rakkomandazzjonijiet politiċi xierqa għal kull Stat Membru fuq il-bażi tal-IDRs.

Abbażi ta' qari ekonomiku tat-tabella ta' valutazzjoni tal-MIP, il-Kummissjoni ssib li l-IDRs huma ċċertifikati li jeżaminaw f'aktar dettall l-akkumulazzjoni u l-likwidazzjoni tal-iżbilanċi u r-riskji relatati magħhom f'16-il Stat Membru. Għal diversi pajjiżi l-IDRs se jelaboraw fuq is-sejbiet taċ-ċiklu ta' sorveljanza preċedenti[5], filwaqt li għal oħrajn din se

---

[3] Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn *Anness Statistiku* li fih ħafna statistiki li fuq il-bażi tagħhom tħejja dan ir-rapport. Meta mqabbel mar-rapport tas-sena l-oħra, ma kien hemm l-ebda bidla fid-definizzjonijiet tal-varjabbli tat-tabelli ta' valutazzjoni u indikaturi awżiljarji, u lanqas fuq il-livelli limiti indikattivi tagħhom. Madankollu, l-istandards statistiċi ġew aġġornati bil-bidla minn ESA95 għal ESA2010, u mill-ħames għas-sitt manwal tal-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali. Ara wkoll in-nota311 f'qiegħ il-paġna.

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

[5] F'Marzu 2014, il-Kummissjoni identifikat żbilanċi fil-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Irlanda Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit, li minnhom il-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja kienu qed jesperjenzaw żbilanċi eċċessivi ("Riżultati tarl-analiżi fil-fond," - COM(2014) 150 finali, 5.3.2014, u "Macroeconomic Imbalances-2014", *European Economy-Occasional*

tkun l-ewwel darba li l-Kummissjoni se tħejji IDR. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, għall-Istati Membri li għadhom kif lestew, jew waslu fil-punt li jlestu, il-programmi ta' aġġustament ekonomiku tagħhom appoġġati minn assistenza finanzjarja.

- Għall-**Kroazja**, **l-Italja** u **s-Slovenja**, l-IDRs se jivvalutaw jekk l-*iżbilanċi eċċessivi* identifikati qabel humiex qed jiġu likwidati, humiex jippersistu jew humiex jiġu aggravati, filwaqt li tingħata l-attenzjoni mistħoqqa għall-kontribuzzjoni tal-politiki implimentati minn dawn l-Istati Membri sabiex jingħelbu dawn l-iżbilanċi;
- Għall-**Irlanda**, **Spanja**, **Franza**, u **l-Ungerija**, li huma Stati Membri bi *żbilanċi* li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva, l-IDRs se jivvalutaw ir-riskji relatati mal-persistenza tal-iżbilanċi.
- Għall-Istati Membri l-oħrajn identifikati qabel bħala li qed jesperjenzaw *żbilanċi* (**il-Belġju**, **il-Bulgarija**, **il-Ġermanja**, **il-Pajjiżi l-Baxxi**, **il-Finlandja**, **l-Isvezja** u **r-Renju Unit**), l-IDRs se jivvalutaw f'liema Stati Membri għadhom jippersistu l-iżbilanċi, u f'liema ngħelbu[6];
- Għall-ewwel darba, se jitħejjew ukoll IDRs għall-**Portugall** u **r-Rumanija.** Wara t-tlestija tal-programm ta' aġġustament ekonomiku tagħha f'nofs l-2014, il-Portugall ingħaqdet fil-proċeduri ta' sorveljanza standard. Għar-Rumanija, is-sorveljanza tal-iżbilanċi u l-monitoraġġ tal-politiki sar skont il-programm ta' aġġustament, li huwa appoġġat mill-assistenza finanzjarja prekawzjonarja. Filwaqt li dan l-arranġament għadu għaddej, id-dewmien fit-tlestija tar-reviżjonijiet semiannwali jimplika li r-Rumanija għandha tiġi integrata mill-ġdid fis-sorveljanza tal-MIP.

Għall-Istati Membri li jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja, is-sorveljanza tal-iżbilanċi tagħhom u l-monitoraġġ tal-miżuri korrettivi isiru fil-kuntest tal-programmi tagħhom. Dan jikkonċerna lill-**Greċja** u **Ċipru**. Madankollu, is-sitwazzjoni **fil-Greċja**, fil-kuntest tal-MIP, se tiġi vvalutata fi tmiem l-assistenza finanzjarja li għaddejja, skont l-arranġamenti li eventwalment għandhom jiġu miftehma.

Għall-Istati Membri l-oħrajn, f'dan l-istadju l-Kummissjoni mhux se twettaq aktar analiżijiet fil-kuntest tal-MIP. Fuq il-bażi tal-qari ekonomiku tat-tabella ta' valutazzjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-isfidi makroekonomiċi tar-**Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, l-Awstrija, il-Polonja u s-Slovakkja** ma jirrappreżentawx żbilanċi fis-sens tal-MIP. Madankollu, jeħtieġ sorveljanza u koordinament politiku bir-reqqa fuq bażi kontinwa għall-Istati Membri kollha sabiex jiġu identifikati riskji emerġenti u jitressqu l-politiki li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-impjiegi.

Fil-kuntest tas-sorveljanza multilaterali u b'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u lill-Grupp tal-Euro sabiex jiddiskutu dan ir-rapport. Il-Kummissjoni tilqa' wkoll kummenti mill-Parlament Ewropew.

B'kont meħud ta' dawn id-diskussjonijiet mal-Parlament, u fil-Kunsill u l-Grupp tal-Euro, il-Kummissjoni se tħejji IDRs għall-Istati Membri rilevanti. Dawn huma mistennija jiġu ppubblikati fir-rebbiegħa tal-2015, qabel il-pakkett tas-Semestru Ewropew tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Papers, 172-188. Għas-sett sħiħ ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, adottati mill-Kunsill, inklużi dawk li huma rilevanti għall-MIP, ara ĠU C 247, 29.7.2014.

6 Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, billi l-iżbilanċi huma identifikati wara l-analiżijiet dettaljati fl-IDRs preċedenti, il-konklużjoni li żbilanċ ingħeleb għandha wkoll issir biss wara li jitqiesu kif dovut il-fatturi rilevanti kollha f'reviżjoni fil-fond oħra.

2. ŻBILANĊI U RISKJI: KWISTJONIJIET TA' NATURA TRANSFRUNTIERA

L-Istati Membri tal-UE għamlu progress sabiex jiġu jikkoreġu l-iżbilanċi tagħhom, iżda l-irkupru kajman kien ta' ostaklu għat-tnaqqis tal-iżbilanċi u r-riskji makroekonomiċi relatati. Matul l-aħħar ftit xhur, l-aħbarijiet ekonomiċi marru gradwalment għall-agħar. It-tkabbir ma laħaqx l-aspettattivi u naqas jew staġna fil-Ġermanja, l-Italja u Franza. It-tkabbir tal-kreditu baqa' baxx fl-UE, minkejja l-politiki monetarji akkomodanti, billi d-domanda hija baxxa u s-settur privat għadu jnaqqas fl-ingranaġġ. Perjodu twil ta' inflazzjoni baxxa ħafna, li jirrifletti marġni negattiva kbira tal-potenzjal tal-produzzjoni f'diversi pajjiżi u prezzijiet li jirreaġixxu aktar għan-nuqqas ekonomiku minn qabel[7], ukoll kien ostaklu għal tnaqqis bla xkiel fl-ingranaġġ. Tensjonijiet ġeopolitiċi jistgħu anki jitfgħu piż fuq l-attività ekonomika u jiġġeneraw riskji makroekonomiċi, partikolarment fil-pajjiżi b'rabtiet kummerċjali aktar fil-fond u skoperturi finanzjarji għall-viċinat tal-Lvant. Barra minn hekk, il-livell baxx ta' attività ekonomika iżomm il-qgħad, kif ukoll indikaturi soċjali oħrajn, f'livelli inaċċettabbli; dan jista', fih innifsu, jagħmel ħsara lill-prospetti ta' tkabbir fuq żmien medju.

Ir-risposti politiċi f'kull Stat Membru għandhom jiġu adattati għas-sitwazzjoni individwali tagħhom iżda jeħtieġ ukoll li titqies dimensjoni usa' (tal-UE u taż-Żona tal-Euro) u l-potenzjal għal effetti konsegwenzjali. L-iżbilanċi makroekonomiċi fil-modi differenti tagħhom qajmu riskji u sfidi makroekonomiċi; dawn huma l-ewwel u qabel kollox ta' natura nazzjonali. L-iżbilanċi relatati mas-sostenibbiltà esterna, il-kompetittività, il-pożizzjonijiet eċċessivi ta' dejn fis-settur privat u t-tnaqqis fl-ingranaġġ, is-sostenibbiltà fiskali, il-prezzijiet tal-assi, l-istabbiltà finanzjarja jikkonċernaw prinċipalment il-kapaċità ta' kull ekonomija li tiġġenera tkabbir qawwi u sostnut u li toħloq l-impjiegi. Madankollu, minħabba l-interkonnessjoni fost l-ekonomiji tal-UE, hemm diversi mezzi, inkluż il-kummerċ, ir-rabtiet finanzjarji u monetarji, ir-riformi strutturali, il-fiduċja u l-inċertezza, li permezz tagħhom l-iżbilanċi jistgħu jkollhom effetti konsegwenzjali minn pajjiż għal ieħor u fejn telf ta' effiċjenza fi Stat Membru wieħed jista' jimplika telf fi Stat Membru ieħor. Id-dgħufija tad-domanda domestika, partikolarment l-investiment, u l-pressjonijiet ta' diżinflazzjoni jidhru li huma eżempji primarji ta' kif l-isfidi makroekonomiċi fl-Istati Membri jistgħu jaffettwaw l-Unjoni kollha[8].

Il-promozzjoni ta' investiment effiċjenti sabiex jiġi restawrat it-tkabbir potenzjali hija prijorità ewlenija. Matul l-aħħar seba' sa tmien snin, sa mill-bidu tal-kriżi, kien hemm tnaqqis sostanzjali fil-potenzjal tat-tkabbir tal-UE[9]. Skont l-aħħar stimi, it-tkabbir annwali fil-prodott potenzjali tal-UE niżel minn ftit aktar minn 2 fil-mija 10 snin ilu għal inqas minn 1 fil-mija bħalissa[10]. Apparti l-iżviluppi demografiċi fuq perjodu ta' żmien twil,[11] it-tnaqqis fir-

---

7 "Analysing Euro Area Inflation Using the Phillips Curve", *Quarterly Report on the Euro Area*, 2014(2) 21-6.

8 Rigward effetti konsegwenzjali transfruntiera, b'enfasi partikulari fuq iŻ-Żona tal-Euro, ara: 'Cross-Border Spillovers within the Euro Area,' *Quarterly Report on the Euro Area*, 2014(4): pubblikazzjoni li għadha se toħroġ.

9 "The Euro Area's Growth Prospects over the Coming Decade", *Quarterly Report on the Euro Area*, 2013(4) 7-16. Ara wkoll "The Growth Impact of Structural Reforms", *Quarterly Report on the Euro Area*, 2013(4): 17-27, u "Growth Differences between Euro Area Member States since the Crisis", *Quarterly Report on the Euro Area*, 2014(2):7-20.

10 Għal deskrizzjoni dettaljata tal-verżjoni attwali tal-metodoloġija approvata mill-Kunsill tal-ECOFIN li tintuża għall-valutazzjoni tal-prodott potenzjali u l-marġnijiet tal-potenzjal tal-produzzjoni, ara Havik, K. *et al.*, "The Production Function Methodology for Calculating Potential Growth Rates and Output Gaps", *European Economy-Economic Papers*, 535.

11 Ara din il-pubblikazzjoni riċenti "2014 Ageing Report-Underlying Assumptions and Projection Methodologies", *European Economy*, 2014(8).

ritmu fuq żmien medju fl-attività jista' jiġi attribwit għal żidiet dgħajfa fil-produttività u l-akkumulazzjoni kajmana tal-kapital[12]. Ir-rwol tal-formazzjoni tal-kapital (inklużi r-R&Ż) bħala xprun għat-tkabbir kien limitat f'dawn l-aħħar snin, hekk kif il-proporzjon tal-investiment baqa' sostanzjalment aktar baxx minn ftit snin ilu fi kważi l-pajjiżi kollha tal-UE[13].

Ir-riekwilibriju tal-kont kurrenti baqa' asimetriku u jirrifletti d-domanda baxxa kemm fil-pajjiżi debituri kif ukoll f'dawk kredituri. (*Grafika 1*) Il-korrezzjoni meħtieġa fil-kontijiet kurrenti kompliet f'għadd ta' pajjiżi, b'mod partikulari l-Irlanda, Ċipru, il-Greċja, Spanja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja. Id-defiċits kbar tagħhom ta' ftit snin inbidlu f'defiċits żgħar għal surpluses kbar u jgħinu sabiex jitnaqqsu r-riskji relatati ma' obbligazzjonijiet esterni. L-Italja wkoll irreġistrat surplus żgħir filwaqt li Franza kompliet iżżomm bilanċ tal-kont kurrenti negattiv b'mod moderat. Madankollu, f'ħafna każijiet, ħafna mill-aġġustamenti kienu xprunati minn tnaqqis fid-domanda, partikolarment l-investiment (*Grafika 2*), li jista' jkollhom implikazzjonijiet negattivi fuq il-potenzjal fuq żmien medju ta' żmien jekk dan ma jiġix ikkoreġut. L-esportazzjoni għolja wkoll għandha rwol importanti fl-2013, b'mod partikolari fil-Bulgarija, il-Greċja, is-Slovenja, il-Litwanja, ir-Rumanija u l-Portugall, iżda anke, sa ċertu punt, fi Spanja u l-Irlanda. F'termini ta' aġġustament settorjali, il-pajjiżi vulnerabbli komplew jaġġustaw b'ritmi differenti. Spanja u l-Portugall bdew jaġġustaw minn setturi mhux kummerċjabbli għal dawk kummerċjabbli fil-bidu tal-kriżi u s-sehem ta' dawk kummerċjabbli kemm fl-impjiegi kif ukoll fil-valur miżjud gross ilu jiżdied mill-2010[14]. Dan il-proċess ta' aġġustament għadu jrid jibda fl-Italja. Ħafna minn dan ir-riekwilibriju f'dawn il-pajjiżi huwa ta' natura mhux ċiklika, jiġifieri kien akbar milli jimplikaw il-marġnijiet tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-Istati Membri kkonċernati u s-sħab tagħhom[15].

[12] "The Drivers of Total Factor Productivity in Catching-up Economies", *Quarterly Report on the Euro Area*, 2014(3):7-19.

[13] "Drivers and Implications of the Weakness of Investment in the EU", Kaxxa I.1 fil-"European Economic Forecast-Autumn 2014", *European Economy*, 2014(7) 40-3.

[14] "Market Reforms at Work", *European Economy*, 2014(5).

[15] Ara t-Tabella I.4 fil-"European Economic Forecast-Autumn 2014" *op.cit.*29.

Grafika 1: **Defiċits (-) u Surpluses (+) tal-Kontijiet Kurrenti**
2008, 2013 u 2015 (previżjoni)
(% tal-PDG)



Nota: Waqfa fis-serje fl-2013 (CY, EL, ES, NL, SI, SK, BG, PL). Iċ-ċifri tas-SK skont l-istandards tal-BPM5/ESA95. Ara l-anness statistiku għal aktar dettalji.
Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Iż-Żona tal-Euro kollha kemm hi mistennija żżomm livell surplus estern relattivament kbir. Iż-żieda ta' tliet punti perċentwali fis-surplus taż-Żona tal-Euro bejn l-2008 u l-2014 jirrifletti l-fatt li s-surpluses f'ċerti Stati Membri ma naqsux biżżejjed b'reazzjoni għall-isforzi kbar ta' riekwilibriju tal-ekonomiji li kienu jirreġistraw defiċits kbar fil-kont kurrenti. Il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi komplew jirreġistraw surpluses għoljin ħafna, aktar milli jimplikaw l-elementi fundamentali ekonomiċi, u ħafna aktar mil-livell limitu indikattiv tat-tabella ta' valutazzjoni. Fil-każ tal-Ġermanja, meta s-surplus aġġustat ċiklikament jippermetti l-pożizzjoni fiċ-ċiklu tan-negozju, dan jista' jkun ogħla miċ-ċifra nominali. Minħabba t-tnaqqis fid-defiċits fil-kont kurrenti, il-kompożizzjoni ġeografika tas-surpluses fl-ekonomiji kredituri, b'mod partikolari l-Ġermanja, inbidlet. Il-bilanċ fir-rigward tal-bqija tad-dinja żdied, filwaqt li l-bilanċ fir-rigward taż-Żona tal-Euro naqas. Dan tal-aħħar ġej l-iktar minn tnaqqis fl-esportazzjonijiet lejn il-bqija taż-Żona tal-Euro, aktar milli żieda fl-importazzjonijiet mill-Ġermanja. Għalkemm is-surpluses fil-kont kurrenti ma joħolqux l-istess sfidi bħad-defiċits insostenibbli u huma parzjalment iġġustifikati, is-surpluses kbar u fit-tul jistgħu jirriflettu ineffiċjenzi ekonomiċi b'investiment u domanda domestiċi baxxi, u fuq perjodu ta' żmien medju dan iwassal għal prodott potenzjali moħli domestikament. Żieda fid-domanda domestika permezz ta' aċċellerazzjoni tal-investiment tagħti spinta lit-tkabbir potenzjali, u tista' tikkontribwixxi għall-irkupru u għall-aġġustament li għaddej fiż-Żona tal-Euro[16].

Grafika 2: **Is-sehem tal-investimenti fil-PDG**
(formazzjoni ta' kapital fiss gross; id-dejta tal-2014 u l-bidla fl-2007-2014)

[16] Ara l-Premessa 17 tar-Regolament 1176/2011: "Fl-istima tal-iżbilanċi makroekonomiċi, għandhom jiġu kkunsidrati s-severità tagħhom u l-effetti negattivi laterali potenzjali, ekonomiċi u finanzjarji, tagħhom li jaggravaw il-vulnerabbiltà tal-ekonomija tal-Unjoni u li huma ta' theddida għall-funzjonament mingħajr xkiel tal-unjoni ekonomika u monetarja. Jinħtieġu azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi u d-diverġenzi fil-kompetittività fl-Istati Membri kollha, partikolarment fiż-Żona tal-Euro. Madankollu, in-natura, l-importanza u l-urġenza tal-isfidi ta' politika jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti skont l-Istati Membri kkonċernati. Minħabba l- vulnerabbiltajiet u d-daqs tal-aġġustament meħtieġ, il-ħtieġa ta' azzjoni ta' politika hija partikolarment urġenti fi Stati Membri li persistentement juru defiċits kbar fil-kontijiet kurrenti u telf kbir fil-kompetittività. Barra minn hekk, fl-Istati Membri li jakkumulaw bilanċi favorevoli kbar fil-kontijiet kurrenti, il-linji ta' politika għandhom ikollhom l-għan li jidentifikaw u jimplimentaw miżuri li jsaħħu t-tisħiħ tad-domanda domestika u l-potenzjal tat-tkabbir tagħhom."



Sors: Servizzi tal-Kummissjoni.

Il-firxa ta' obbligazzjonijiet esterni fl-UE hija wiesgħa ħafna u r-riskji għas-sostenibbiltà għadhom għoljin. (*Grafiki 3*) Billi t-tnaqqis fid-defiċits il-kbar u l-bidla għal surpluses esterni hija biss żvilupp riċenti fil-pajjiżi debituri, l-obbligazzjonijiet esterni f'dawn il-pajjiżi għadhom ma tjiebux b'mod sostanzjali, u f'xi każijiet setgħu anki ddeterjoraw. Għall-ekonomiji bl-akbar pożizzjonijiet tal-investimenti internazzjonali (negative international investment positions, NIIP), il-bilanċi tal-kont kurrenti huma diġà biżżejjed sabiex jistabbilizzaw u jnaqqsu bil-mod il-pożizzjonijiet ta' dejn esterni netti tagħhom u fuq żmien medju *(Grafika 4)*. B'mod partikolari dan huwa l-każ għall-Irlanda, Spanja, il-Latvja, ir-Rumanija u l-Portugall; iżda għadu mhuwiex il-każ għall-Greċja jew Ċipru. Iżda l-istabbilizzazzjoni tal-pożizzjoni tad-dejn estern mhux se jkun objettiv prudenti, b'mod partikolari għall-pajjiżi fejn il-NIIPs essenzjalment jirriflettu d-dejn. Sabiex titnaqqas in-NIIP għal livelli aktar sikuri matul id-deċennju li jmiss, jinħtieġu surpluses moderati sa relattivament kbar f'dawn il-pajjiżi kollha. Barra minn hekk, jeżistu riskji importanti li joħorġu minn dak li jista' jimplika ambjent ta' inflazzjoni baxxa għall-kompetittività u l-pożizzjoni tad-dejn. L-inflazzjoni baxxa salarjali u tal-prezzijiet tgħin lill-pajjiżi jerġgħu jsiru kompetittivi. Madankollu, l-aġġustament tal-kompetittività huwa diffiċli meta l-inflazzjoni baxxa tikkonċerna wkoll s-sħab kummerċjali ewlenin ta' kull ekonomija. Flimkien mal-effetti avversi li jirriżultaw minn prospettiva inqas pożittiva għat-tkabbir, is-sostenibbiltà esterna għadha kwistjoni ewlenija għal dawk il-pajjiżi. Id-dejta għal Franza u r-Renju Unit turi żieda kontinwa fl-obbligazzjonijiet esterni netti tagħhom, għalkemm il-pożizzjoni tad-dejn estern tagħhom baqgħet pjuttost moderata.

Grafika 3: **Pożizzjonijiet tal-Investiment Internazzjonali Netti**
2008, 2013 u 2015 (proġettazzjoni)
(% tal-PDG)



Nota: stima għall-2015 permezz ta' tbassir ta' għoti/teħid b'self. BE, IE, SK, DK, BG, HR, ŻE18 u UE28 isegwu ESA95. CY, DE, ES, NL, PL: waqfa fis-serje fl-2013. Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar dettalji.
Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni.

Grafika 4: **Bilanċi tal-Kont Kurrenti Meħtieġa sabiex Jistabbilizzaw jew Inaqqsu l-Obligazzjonijiet Esterni (NIIP)**
2014 (tbassir), Stati Membri magħżulin (% tal-PDG)



Nota: Din it-tabella ma turix dejta mill-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, in-NIIP tagħhom kien pożittiv fl-2013 u mistenni li jkun pożittiv fl-2015. Ċipru hija eskluża wkoll minħabba limitazzjonijiet fid-dejta. Il-bilanċ tal-kont kurrenti meħtieġ sabiex jiġi stabbilizzati jew jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet esterni netti huwa bbażat fuq l-ipoteżijiet li ġejjin: Il-proġettazzjonijiet tal-PDG jirriżultaw mill-aħħar tbassir tal-Kummissjoni (sa sentejn qabel); il-qafas ta' tbassir fuq medda medja ta' żmien (bejn sentejn u ħames snin) u mill-aħħar proġettazzjonijiet fit-tul dwar is-sostenibbiltà fiskali (lil hinn minn ħames snin); l-effetti ta' valutazzjoni huma konvenzjonalment meqjusa li huma żero f'dak il-perjodu ta' tbassir, li jikkorrespondi għal tbassir imparzjali għall-prezzijiet tal-assi; u trasferimenti kapitali netti huma konvenzjonalment projettati li jkunu żero.

Sors: Servizzi tal-Kummissjoni.

Il-kompetittività tjiebet f'diversi ekonomiji. Meta tqieset il-medja fuq tliet snin, ir-rata tal-kambju effettiva reali (real effective exchange rate, REER) ġiet deprezzata fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, iżda baqgħet fil-livelli limiti indikattivi f'kull wieħed minnhom. Dan kien il-każ fl-Irlanda u fil-Greċja, iżda anki fi Franza, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Latvja u l-Polonja. Dan kien ukoll il-każ fi Stati Membri oħra bħal Spanja, il-Portugall, Ċipru u l-Finlandja, iżda għal kull wieħed minn dawn, id-deprezzament reali kien ħafna inqas milli fil-Ġermanja. Madankollu, fl-2013, movimenti fir-rata tal-kambju tal-euro[17] u r-rati ta' inflazzjoni nazzjonali kien ifisser li r-REER ibbażata fuq l-HICP apprezzat f'diversi pajjiżi, fosthom il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Awstrija. Dan l-iżvilupp jista' jikkontribwixxi għal riekwilibriju aktar simetriku fiż-Żona tal-Euro. Madankollu, f'għadd ta' pajjiżi li għad għandhom bżonn jirkupraw il-kompetittività, fosthom Spanja, l-Italja, Ċipru, Franza u l-Portugall, kien hemm ukoll żieda fir-rati tal-kambju reali tagħhom. Il-kostijiet ta' unità lavorattiva naqsu fl-2013 f'xi pajjiżi fil-periferija taż-Żona tal-Euro, partikolarment il-Greċja, Ċipru, Spanja u l-Irlanda, billi l-pagi naqsu. Dan it-tnaqqis kien mifrux b'mod wiesa' madwar is-setturi (pereżempju l-manifattura, is-servizzi tas-suq, il-kostruzzjoni)[18] fi Spanja u l-Greċja. L-ekonomiji l-oħrajn tal-UE esperjenzaw żidiet żgħar fil-KUL tagħhom xprunati minn żidiet fil-pagi li qabżu ż-żidiet fil-produttività, li kienu marġinali fi Franza u l-Italja. Dan il-mudell fil-KUL huwa osservat fis-setturi industrijali ewlenin kif ukoll fis-servizzi tas-suq f'dawn iż-żewġ ekonomiji[19]. Żieda fil-KUL ikkawżata minn żviluppi tal-pagi li jaqbżu l-produttività tax-xogħol jinsabu wkoll fil-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja. Xi ekonomiji tal-UE tal-Lvant urew żieda relattivament kbira fil-KUL tagħhom fl-2013 minkejja l-iżviluppi favorevoli fil-produttività. Dan huwa l-każ b'mod partikolari fil-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, l-Ungerija u r-Rumanija. Fir-rigward tal-kompetittività mhux tal-ispejjeż, id-dejta dwar id-destinazzjoni ġeografika tal-esportazzjonijiet hija evidenza tal-qligħ; madankollu, l-analiżijiet dwar il-kwalità tal-esportazzjonijiet kienu inqas konklużivi[20].

It-tnaqqis fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni għal ħafna mill-pajjiżi Ewropej naqas. Iżda għadu ma ġiex imdawwar. Globalment, il-parti l-kbira tal-Istati Membri tilfu ishma sinifikanti fis-suq matul l-aħħar ftit snin, bil-Greċja, il-Kroazja, Ċipru u l-Finlandja jġarrbu l-aktar telf sinifikanti. Xi ekonomiji tal-UE tal-Lvant biss (il-Bulgarija, it-tliet nazzjonijiet Baltiċi u r-Rumanija), li flimkien ma jirrappreżentawx aktar minn 2½ fil-mija tal-esportazzjonijiet tal-UE) żiedu l-ishma tagħhom fis-suq globali. Madankollu, fl-2013, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kisbu xi sehem fis-suq, partikolarment fis-servizzi, u b'hekk ġiet moderata din it-

---

17 "Member State Vulnerability to Changes in the Euro Exchange Rate", *Quarterly Report on the Euro Area*, 2014(3):27-33.

18 Il-konsolidazzjoni fiskali jista' jkun kellha wkoll impatt fuq il-pagi. Ara "The Relationship between Government and Export Sector Wages and Implications for Competitiveness", *Quarterly Report on the Euro Area,* 2014(1):27-34.

19 Għal analiżi settorjali tal-kompetittività, ara "A Competitiveness Measure Based on Sector Unit Labour Costs", *Quarterly Report on the Euro Area*, 2014(2):34-40. Għal stimi tal-impatt potenzjali ta' għażla ta' riformi fis-suq f'ekonomiji magħżulin, ara 'Market Reforms at Work,' *op.cit*. Għal aktar valutazzjonijiet dettaljati ta' riformi settorjali ara Turrini A. *et al*. 'A Decade of Labour Market Reforms in the EU,' *European Economy-Economic Papers*, 522; Lorenzani, D. u J. Varga, "The Economic Impact of Digital Structural Reforms", *European Economy-Economic Papers*, 529; Lorenzani, D. u F. Lucidi, "The Economic Impact of Civil Justice Reforms", *European Economy-Economic Papers*, 530; Connell, W. "Economic Impact of Late Payments", *European Economy-Economic Papers*, 531; Ciriaci, D. "Business Dynamics and Red Tape Barriers", *European Economy-Economic Papers*, 532, u Canton E. *et al.*, "The Economic Impact of Professional Services Liberalisation", *European Economy-Economic Papers*, 533.

20 Vandenbussche, H. "Quality in Exports", *European Economy-Economic Papers*, 528.

tendenza. Parti mit-telf mis-sehem fis-suq fuq medda medja ta' żmien jista' ma jiġix irkuprat billi dan huwa riżultat taż-żieda tal-ekonomiji emerġenti. Madankollu, matul l-aħħar ħames snin, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ddgħajfu anki fir-rigward ta' ekonomiji avvanzati oħrajn, kif juri l-indikatur awżiljarju tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni fil-konfront tal-OECD. It-telf fis-sehem mis-suq tal-esportazzjoni, li jinkludi l-kummerċ fl-UE, jeħtieġ li jitqies fil-kuntest ta' domanda domestika dgħajfa fl-UE. Fil-perjodu ta' wara l-kriżi, kien hemm tnaqqis fir-rilevanza relattiva tal-kummerċ fl-UE, filwaqt li l-esportazzjonijiet barra mill-UE ġeneralment kienu aktar dinamiċi.

Is-settur privat jista' xorta jkollu ammont sinifikanti ta' tnaqqis fl-ingranaġġ x'jagħmel *(Grafika 5)*. Id-dejn tas-settur privat (kemm unitajiet domestiċi kif ukoll korporazzjonijiet mhux finanzjarji) għadu għoli u ogħla mil-livell limitu indikattiv tat-tabella ta' valutazzjoni fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Dan minkejja t-tnaqqis notevoli fil-proporzjon tad-dejn għall-PDG matul l-2012-13, speċjalment fid-Danimarka, l-Estonja u l-Irlanda. Barra minn hekk, it-tnaqqis ġenerali fil-pożizzjonijiet ta' dejn privat fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri tal-UE ma huwa xejn meta mqabbel mal-kobor taż-żidiet qabel il-kriżi, u dan iħalli bżonnijiet ta' aġġustament addizzjonali 'l quddiem. Barra minn hekk, ir-ritmu ta' tnaqqis fl-ingranaġġ kien ħafna aktar kajman milli fl-Istati Uniti[21]. Fil-Ġermanja biss, fejn il-pożizzjoni tad-dejn privat ma kienx ta' tħassib ewlieni qabel il-kriżi, id-dejn privat waqa' taħt il-livelli ta' deċennju ilu. L-Istati Membri ilhom iħabbtu wiċċhom ma' sfidi differenti skont jekk id-dejn eċċessiv jikkonċernax is-settur tal-unitajiet domestiċi (bħal fil-Pajjiżi l-Baxxi u d-Danimarka), is-settur korporattiv (*pereżempju* l-Bulgarija u s-Slovenja), jew it-tnejn (l-Irlanda, Spanja u Ċipru). Il-flussi ta' kreditu negattivi għas-settur privat, li jenfasizzaw ripagament *attiv* tad-dejn, kienu l-ixprun ewlieni tat-tnaqqis fid-dejn tal-unitajiet domestiċi matul dawn l-aħħar ftit snin, b'aċċellerament fl-2013 fi Spanja, il-Portugall u l-Irlanda, u fid-dejn korporattiv f'Malta, is-Slovenja, ir-Renju Unit u Spanja. F'xi każijiet oħrajn, it-tnaqqis fil-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG kien aktar *passiv* u kompatibbli ma' flussi ta' kreditu nett pożittiv kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-korporazzjonijiet, b'mod partikolari fl-Estonja u fir-Renju Unit. Minkejja l-flussi ta' kreditu negattivi, il-Greċja naqset milli tnaqqas b'mod sinifikanti l-proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG (speċjalment tal-unitajiet domestiċi)[22]. *(Grafiki 6a u 6b)*.

[21] "Corporate Balance Sheet Adjustment in the Euro Area and the United States", *Quarterly Report on the Euro Area*, 2014(3):40-6

[22] Għal analiżi dettaljata tat-tnaqqis fl-ingranaġġ li għaddej bħalissa, inkluż dwar il-modi ta' tnaqqis fl-ingranaġġ (attiv, passiv u bla suċċess) u l-ixpruni u l-bżonnijiet fit-tul ta' tnaqqis fl-ingranġġ fl-unitajiet domestiċi u l-korporazzjonijiet taż-Żona tal-Euro, ara "Private Sector Deleveraging: Where Do We Stand?" *Quarterly Report on the Euro Area*, 2014(3):7-19, u 'Private Sector Deleveraging: Outlook and Implication for the Forecast,' Kaxxa 1.2, fil-'European Economic Forecast-Autumn 2014,' *op.cit.*:44-8.

Grafika 5: **Dejn tal-Korporazzjonijiet mhux Finanzjarji, tal-Unitajiet Domestiċi u tal-Gvern Ġenerali**
2013 imqabbla mal-2008 (imħażża)
(% tal-PDG)



Nota: MT, EE, PL (gvern ġenerali): waqfa fis-serje fl-2013. Id-dejta taż-ŻE18 u tal-UE28 għadha taħt l-istandards tal-ESA95. Ara l-anness statistiku għal aktar dettalji.
Sors: Eurostat.

Grafika 6a: **Xpruni tal-bidla kumulattiva fid-dejn tal-unitajiet domestiċi, 2014Q1**



Nota: Id-dejta għal IE u NL tirreferi għall-perjodu sa 2013Q4.
Sors: Eurostat, il-kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Grafika 6b: **Xpruni tal-bidla kumulattiva fid-dejn korporattiv, 2014Q1**



Nota: (1) Dejta mhux konsolidata. Bidla kumulattiva tal-proporzjon tad-dejn dekomposta fil-kontribuzzjonijiet ta' i. il-flussi tal-kreditu netti, ii. bidliet oħrajn fid-dejn pendenti (*pereżempju*, effetti ta' valutazzjoni jew tħassir), iii. it-tkabbir tal-PDG reali, u iv l-inflazzjoni. (2) L-assi-x fuq il-grafika tan-naħa tal-lemin tirrappreżenta l-kontribuzzjoni tal-flussi ta' kreditu netti għat-tnaqqis tal-proporzjon matul il-perjodu.
Id-dejta għal IE u NL tirreferi għall-perjodu sa 2013Q4.
Id-dejta tal-ESA95. Ara l-anness statistiku għal aktar dettalji.
Sors: Eurostat, il-kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Bis-saħħa tal-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali ta' dawn l-aħħar snin, ir-ritmu tal-aġġustament fiskali huwa mistenni li jonqos. L-Istati Membri fiż-Żona tal-Euro u fl-UE kollha kemm hi qed jippjanaw li jkomplu jnaqqsu d-defiċits tagħhom. Madankollu, meta mqabbel mal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tar-rebbiegħa tal-2014, hemm tnaqqis fir-ritmu tat-tnaqqis tad-defiċit ippjanat. Dan jirrifletti reviżjoni 'l isfel fl-attività ekonomika, iżda anki tnaqqis fl-isforz fiskali,[23] li jasal fi tmiemu fl-2014 u mhuwiex ippjanat li jkompli fl-2015. Fil-livell aggregat, dan jidher bħala bilanċ aċċettabbli bejn ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u l-kundizzjonijiet ċikliċi. Għaldaqstant, ir-reżistenza fuq l-attività f'diversi Stati Membri u l-effetti konsegwenzjali li jirriżultaw fiż-Żona tal-Euro (u fl-UE) għandhom jitnaqqsu aktar. Madankollu, f'għadd ta' każijiet, għad fadal sfidi sinifikanti għall-aktar gvernijiet midjunin (pereżempju l-Greċja, il-Portugall, l-Italja, l-Irlanda, Ċipru u l-Belġju), jew fejn iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn għall-PDG kien l-aktar rapida (pereżempju Spanja, il-Kroazja u s-Slovenja). L-isfidi f'dawn il-pajjiżi jikbru bid-djun għolja fis-settur privat (*Grafika 5*) u l-prospetti ekonomiċi u demografiċi[24].

Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja naqsu fiż-Żona tal-Euro. Xprunat mill-perspettiva ta' valutazzjoni komprensiva, il-proporzjon tal-ekwità tal-banek kompla jitjieb fl-2013 u fl-ewwel tliet kwarti tal-2014. Miżuri tal-bank ċentrali u kundizzjonijiet favorevoli tas-suq għenu sabiex jitnaqqsu n-nuqqasijiet ta' likwidità u biex l-ispejjeż ta' finanzjament tal-banek

[23] Rigward il-metodoloġija biex jiġu stmati l-isforzi fiskali tal-bilanċ fiskali aġġustat ċiklikament, ara Mourre, G., *et al.*, "Adjusting the Budget Balance for the Business Cycle: The EU Methodology" , *European Economy-Economic Papers*, 536.

[24] "Assessing Public Debt Sustainability in EU Member States: A Guide" , *European Economy-Occasional Papers*, 200 u "Identifying Fiscal Sustainability Challenges in the Areas of Pension, Healthcare and Long-term Care", *European Economy-Occasional Papers*, 201. Ara wkoll "The Impact of Unanticipated Disinflation on Debt", Kaxxa I. 3, fil-"European Economic Forecast-Autumn 2014", *op.cit.*49-50.

jinżammu baxxi fiż-Żona tal-Euro. L-istess, il-frammentazzjoni tas-suq tal-bonds sovrani naqset minħabba li l-kummerċ transfruntier fil-bonds, f'dawk sovrani taħt stress finanzjarju, reġa' beda. B'mod partikolari, fil-parti l-kbira tal-pajjiżi fil-periferija taż-Żona tal-Euro, tnaqqis fil-karti bilanċjali minħabba tnaqqis fl-ingranaġġ fis-settur pubbliku, self improduttiv u ritorn għall-finanzjament tas-suq reġgħu wasslu lill-banek biex jistrieħu anqas fuq il-finanzjament tal-bank ċentrali. Il-banek ikkonċentraw li jtejbu il-proporzjon tal-ekwità; minħabba r-riżultati tal-analiżi tal-kwalità tal-assi u t-testijiet tal-istress imħabbra fis-26 ta' Ottubru 2014, it-tiswija fil-karta bilanċjali tal-maġġoranbza tal-istituzzjonijet issa fil-biċċa l-kbira tinsab lesta. Il-flussi tal-kreditu għadhom neattivi f'pajjiżi bi stress finanzjarju u relattivament baxxi fil-maġġoranza tal-ekonomiji taż-Żona tal-Euro, għalkemm l-ewwel sinjali ta' titjib ġew innutati fl-aħħar xhur. Kollox ma' kollox, għal kull Stat Membru l-obbligazzjonijiet totali tas-settur finanzjarju naqsu, jew telgħu b'pass li kien aktar bil-mod minn dak tal-livell limitu fit-tabella ta' valutazzjoni.

It-talba għal kreditu mnaqqas tirrifletti provvista u domanda għall-kreditu dgħajfin. Il-banek qed jiffaċċaw pressjoni biex inaqqsu l-ingranagg minħabba l-assi danneġġati fil-karti bilanċjali tagħhom. Il-provvediment għas-self ħażin għadu għaddej u l-progress sabiex jiġi indirizzat mhuwiex konsistenti, għalkemm seħħ titjib li jidher fir-rikonoxximent tat-telf fis-self, u ttieħed provvediment wara li bosta eżerċizzji nazzjonali tlestew f'pajjiżi vulnerabbli, kif ukoll permezz tal-AQR u ta' testijiet tal-istress tal-BĊE u tal-Awtorità Bankarja Ewropea. It-tniżżil fil-valur tas-self, it-tifdija bil-quddiem u pagamentti akkont bil-quddiem bdew iħallu impatt fuq id-dejn privat f'diversi pajjiżi bħal-Latvija, ir-Renju Unit u Spanja, iżda ma għamlux avvanzi fil-maġġoranza tal-ekonomiji tal-UE. Tul l-2013, is-self improduttiv kompla jiżdied f'diversi Stati Membri inklużi Spana, l-Italja, il-Portugall, l-Irlanda, il-Greċja, Ċipru u Franza (għalkemm minn livelli relattivament baxxi) jew stabilizza ruħu f'livell relattivament għoli (bħall-Ungerija). Madankollu, aktar ċertezza dwar il-karti bilanċjali tal-banek tul l-2013, b'mod partikolari wara l-iskrutinju bla preċedent li għaddew waqt il-valutazzjoni komprensiva, għenet biex jittaffew ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja f'ħafna ekonomiji. Avvenimenti reċenti fil-Bulgarija u l-Portugall, madankollu juru li għad hemm riskji finanzjarji minn banek speċifiċi. Il-frammentazzjoni tkompli fis-suq bankarju għall-unitajiet domestiċi, bil-banek taż-Żona tal-Euro fl-Ewropa Ċentral u fix-Xlokk jnaqqsu l-attivitajiet tagħhom. Filwaqt li għad fadal xi riskji residwi għall-provvediment ta' kreditu f'dawn l-ekonomiji, l-istralċ tal-assi fil-biċċa l-kbira ipproċeda b'mod ordnat fl-2013 u fl-2014[25]. Il-prospetti għall-kreditu huma baxxi, minħabba li d-domanda għall-kreditu għadha baxxa, li turi li l-livelli ta' investiment u ta' konsum huma mxekkla bl-inċetrtezza, b'pożizzjoni ta' dejn għolja u bi prospetti baxxi ta' introjtu u tkabbir.

Fl-2013 is-suq tad-djar sar aktar eteroġenju fl-UE. Il-bidla annwali fil-prezzijiet tad-djar aġġustati skont l-inflazzjoni fl-2013 tvarja minn tniżżil ta' żewġ ċifri fil-Kroazja u Spanja għal tlugħ ta' 6 fil-mija ogħla mil-limitu għal-Latvja u l-Estonja. Dan it-twessigħ fit-tqassim jirriflettti l-fatt li s-suq f'ħafna Stati Membri diġà laħaq l-qiegħ filwaqt li f'oħrajn huwa mistenni jagħmel dan fis-snin li jmiss. Il-prezzijiet tad-djar komplew ivarjaw b'pass mgħaġġel f'pajjiżi vulnerabbli bħall-Greċja, Ċipru u s-Slovenja, fejn il-prezzijiet tad-djar diġà kienu niżlu b'mod sinifikanti mill-qċaċet tagħhom. L-Irlanda, fejn il-prezzijiet tad-djar reġgħu bdew jogħlew wara korrezzjonijiet qawwija waqt il-kriżi, hija eċċezzjoni li tolqot l-għajn. Filwaqt li terz tas-swieq tad-djar tal-UE kienu qed jilħqu l-qiegħ, oħrajn kjarament reġgħu irkupraw minkejja l-prezzijiet relativamnet għoljin (*pereżempju* l-Isvezja u r-Renju Unit). Imkejjen

[25] Dwar l-impatt li l-kundizzjonijiet tal-provvista tal-kreditu jista' jkollhom fuq is-sottoinvestiment ara "Firms' investment decisions in vulnerable Member States," *Quarterly Report on the Euro Area*, 2013(4):29-35.

oħra, (*pereż.* id-Danimarka u l-Germanja) l-irkupru minn tnaqqis imgħoddi u / jew prezzijiet baxxi immotiva z-zieda. L-investiment residenzjali għadu f'livelli baxxi, b'mod partikolari fi Stati Membri fejn il-korrezzjonijiet għadhom qed jieħdu l-ħin tagħhom. Filwaqt li f'xi każijiet dan jirrifletti l-investiment żejjed ta' xi ftit snin ilu (*pereż.* Spanja), f'oħrajn huwa relatat mal-inċertezza ekonomika ġenerali, ma' provvista u d-domanda għall-kreditu dgħajfin u ma' restrinġiment regolatorju. Riformi kontinwi f'arranġamenti istituzzjonali li jaffettwaw is-swieq tad-djar, bħal tibdil fis-sistema tat-taxxa sabiex jitneħħew l-inċentivi biex tkun proprjetarju, huma mistennija jgħinu fl-istabbilizzar ta' dawn is-swieq f'terminu medju[26].

Grafika 6: **Prezzijiet tad-djar (deflatati)**
2008, 2011 u 2013
(indiċi 2000=100, *u.o.i.*)



Nota: l-indiċi tal-prezzijiet tad-djar deflatati huma bbaati mill-ġdid fuq il-livell tal-2000 tagħhom, li mbagħad huma rrappreentati mill-assi orizzontali. Minħabba dejta nieqsa, is-snin bażi huma 2001 (BG), 2002 (CY), 2002 (SI), 2005 (EE), 2006 (SK, LT), 2007 (HU), 2008 (RO, PL).
Sors: Eurostat.

[26] "Institutional Features and Regulation of Housing and Mortgage Markets", *Quarterly Report on the Euro Area*, 2014(3):27-33. Ara wkoll "Tax Reforms in EU Member States 2014", *European Economy*, 2014(6), li jiddiskuti b'mod partikolari il-preġudizzju favur id-dejn fis-sitemi tat-taxxa u t-tassazzjoni tal-proprjetà immobbli.

Grafika 7: **Rata tal-qgħad**
2008, 2013 u 2015 (previżjoni)



Sors: Servizzi tal-Kummissjoni.

Kaxxa: **Il-qagħda tas-suq tax-xogħol u dik soċjali għadhom serji ħafna**

L-iżviluppi fl-impjiegi u tal-qgħad.

Sa minn nofs l-2013 il-qgħad stabbilizza f'livelli storikament għoljin kemm fl-UE-28 (10,7 % fl-2014) u fiż-ŻE18 (12,0 % fl-2014), għalkemm is-sitwazzjoni tvarja b'mod sinifikanti fl-UE (*Grafika 7*). Bl-antiċipazzjoni ta' tkabbir aktar dgħajjef u bil-mod, huwa mistenni qgħad għoli li jkompli aktar fit-tul, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri. Il-qgħad fuq terminu twil għadu qed jiżdied minħabba n-natura fit-tul tal-kriżi.

Tul l-aħħar sena, il-qgħad ta' terminu twil bħala perċentwali mill-qgħad totali żdied minn 45,3 % għal 48,7 % fl-UE-28 (47,5 % u 51,5 % fiż-ŻE18). Madankollu, f'xi pajjiżi l-impjiegi fis-settur kummerċjabbli ma baqgħux jonqsu però komplew fis-settur mhux kummerċjabbli (Spanja, il-Portugall), li turi li għadu għaddej tibdil strutturali. It-tnaqqis fil-qgħad huwa prinċipalment marbut mat-tixjin tal-impjiegi, filwaqt ir-rati għas-sejba tal-impjiegi, għalkemm qegħdin kemxejn jitjiebu, għadhom miżerabbli. Fl-istess ħin, l-impjiegi bdew jiżdiedu b'mod moderat ħafna apparagun ta' sfond b'perspettiva inċerta u reżiljenza kronika fir-rati tal-attività kif ukoll dinamiċi mrażżna fis-sigħat ta' xogħol.

Ir-rata ta' riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali żdiedet bi 8,7 miljuni minn meta bdiet il-kriżi, bid-differenzi bejn l-Istati Membri li għadhom qed jikbru. Sa mill-2012, l-introjtu disponibbli tal-familja bħala medja qed jonqos f'termini reali fl-UE-28 u fiż-ŻE18. L-effett stabbilizzanti tal-infiq soċjali fuq l-introjtu għall-familja naqas wara l-2010, b'impatti distributtivi tal-konsolidazzjoni fiskali li tvarja b'mod sostanzjali fost il-pajjiżi.

Il-qgħad fost iż-żgħażagħ leħaq l-ogħla livell bi 23,6 % fl-ewwel kwart tal-2013 qabel ma niżel għal 23,1 % fl-aħħar tas-sena, u affettwa 5,6 miljun zagħżugħ u żagħżagħa fl-2013. Fi kważi żewġ terzi tal-Istati Membri, ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ f'Lulju 2014 kienu għadhom viċin l-ogħla livelli storiċi – bil-qgħad fost iż-żgħażagħ ferm viċin jew ogħla minn 40 % f'dawk li kienu l-agħar milqutin (il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru u l-Portugall). Madankollu hemm xi żviluppi kawtament pożittivi, b'medji li qed joqsu kemm fl-UE-28 (tnaqqis ta' 1,2 punti perċentwali) u fiż-ŻE18 (0,5 punti perċentwali). Il-medji tar-rata tan-NEETS tal-UE-28 u ż-ŻE18 (żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ) naqsu kemm kemm, b'ħafna differenzi bejn l-Istati Membri. Minkejja dan, il-porzjon ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ żdied b'mod sinifikanti kważi f'nofs l-Istati Membri fl-2013. Is-sitwazzjoni attwali għaldaqstant tirrikjedi urġenza mill-Istati Membri kollha sabiex jagħtu Garanzija liż-Żgħażagħ.

L-introjtu tal-familja kompla jistaġna f'termini reali jew jonqos bis-saħħa wara l-2011 f'pajjiżi l-aktar milquta minn deterjorament ulterjuri fil-kundizzjonijiet ekomomiċi. L-introjtu tal-familja ġie affetwat prinċipalment mit-tnaqqis fir-rikavat tas-suq u d-dgħufija tal-impatt tat-trasferimenti soċjali tul iż-żmien. L-inugwaljanza tal-introjtu qed tikber fost u fl-Istati Membri, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri li ġarrbu l-akbar żidiet fil-qgħad. F'ħafna Stati Membri, il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (18-64 sena) qed tara li r-riskju ta' faqar tagħha qed jiżdied. F'ħafna mill-pajjiżi affetwati, il-perjodu estiż ta' tkabbir negattiv jew ta' kważi l-ebda tkabbir, iż-żieda fil-qgħad ta' terminu twil u d-dgħufija tal-impatt tat-trasferimenti soċjali tul iż-żmien qed iżidu ir-riskji tal-faqar.

L-impjieg negattiv fit-tul b'mod kroniku u l-iżviluppi soċjali jista' jkollhom impatt negattiv fuq it-tkabbir potenzjali tal-PDG b'diversi modi, u jistgħu jżidu l-iżbilanċi makroekonomiċi.

Il-mobilità tal-ħaddiema

Il-mobilità tal-ħaddiema intra-UE żdiedet fl-2013, għalkemm baqgħet taħt il-flussi rreġistrati qabel l-2008. Il-flussi mil-Lvant għall-Punent, mill-Istati Membri l-ġodda b'PDG *per capita* iżgħar għal dak tal-Istati Membri l-antiki b'PDG *per capita* ikbar komplew jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira taċ-ċaqliq, għalkemm flussi minn pajjiżi periferali oħra affettwati serjament mill-kriżi komplew jogħlew malajr. Minħabba s-sitwazzjoni ekonomika li tjiebet, il-fluss ta' ħruġ nett naqas fl-Estonja, fil-Latvja u fl-Irlanda, filwaqt li l-fluss ta' ħruġ nett żdied fil-Greċja u fi Spanja, u l-aktar f'Ċipru fejn l-impatt kien l-aktar qawwi. L-impatt ta' dan iċ-ċaqliq fuq il-potenzjal tat-tkabbir jeħtieġ monitoraġġ bir-reqqa. Il-pajjiżi b'ekonomiji aktar stabbli bħall-Ġermanja, l-Awstrija, l-Isvezja u d-Danimarka raw aktar żidiet

fl-imigrazzjoni netta minn Stati Membri tal-UE oħra. Ċittadini tal-UE mobbli għad għandhom rati ta' impjieg ogħla bħala medja minn popolazzjonijiet fil-pajjiżi ospitanti[27] u bħala medja ma jużawx il-benefiċċji soċjali b'mod qawwi kif jagħmlu ċ-ċittadini tal-pajjiżi ospitanti.[28] Ir-rata ta' kwalifiki żejda fost il-ħaddiema mobbli għadha għolja, b'ħafna ħaddiema b'edukazzjoni għolja li jaċċettaw impjieg li jirrikjedi ħiliet baxxi jew medji[29].

Għal aktar dettalji dwar is-suq tax-xogħol u t-tendenzi soċjali u l-isfidi relatati, ara l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER), u*t-tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali* aktar iddettaljata tiegħu. Il-qari tat-*tabella ta' valutazzjoni tal-JER* huwa ssupplementat b'informazzjoni addizzjonali meħuda mill-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI) u mill-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (MPPS), u mill-valutazzjoni tal-miżuri politiċi meħuda mill-Istati Membri. It-*tabella ta' valutazzjoni tal-JER* irnexxielha tissottolinja l-isfidi tal-impjiegi u dawk soċjali ewlenin fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u xprunat dibattiti f'livell istituzzjonali.

[27] Ara, *pereż.,* Arpaia, A., A. Kiss, u B. Palvolgyi (2014), "Labour Mobility and Labour Market Adjustment in the EU," *European Economy-Economic Papers,* pubblika li ħierġa dalwaqt.

[28] Ara Juravle, C. *et al.* (2013): "A Fact-Finding Analysis on the Impact on the Member States' Social Security Systems of the Entitlements of Non-Active Intra-EU Migrants to Special Non-Contributory Cash Benefits and Healthcare Granted on the Basis of Residence," Rapport minn ICF GHK għad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.

[29] Skont l-istatistiċi tal-forza tax-xogħol tal-Eurostat, fl-2013 ir-rata ta' kwalifiki żejda kienet ta' 20 fil-mija għal persuni li twieldu fl-istess pajjiż, 31 fil-mija għal persuni li twieldu f'pajjiż ieħor tal-UE, 36 fil-mija għal persuni li ma twildux fl-UE.

3. ŻBILANĊI U RISKJI: KUMMENTI SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻ

Din it-taqsima tipprovdi qari ekonomiku konċiż tat-tabella ta' valutazzjoni u tal-varjabbli awżiljari f'kull Stat Membru. Flimkien mad-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' bejn il-pajjiżi, tgħin biex jiġu identifikati l-Istati Membri li għalihom għandhom jitħejjew reviżjonijiet fil-fond (IDRs) Kif spjegat hawn fuq, il-Kummissjoni se tikkonkludi jekk hemmx żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi abbażi tal-IDRs.

L-MIP ma japplikax għall-Istati Membri li jibbenefikaw mill-assistenza finanzjarja li tappoġġa l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku tagħhom,[30] attwalment il-Greċja, Ċipru u r-Rumanija. Madankollu l-kummenti hawn taħt jirrigwardaw ukoll il-Greċja u r-Rumanija. Is-sitwazzjoni fil-Greċja fil-kuntest tal-MIP, flimkien mal-preparazzjoni ta' reviżjoni fil-fond, se tittieħed inkonsiderazzjoni fl-aħħar tal-assistenza finanzjarja attwali. Is-sitwazzjoni tar-Rumanija skont il-MIP teħtieġ rivalutazzjoni, minħabba li r-reviżjoni tal-arranġament prekawzjonarju ittardjat b'diversi xhur

Grafika A1: ***Ishma s-suq tal-esportazzjoni***



Sors: Eurostat.

Nota: dejta tal-2004-2007 bbażata fuq l-istandards BPM5. Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar

Irreferi għall-Anness Statistiku għas-sett sħiħ ta' statistika li fuqha dan il-qari ekonomiku u r-rapport sħiħ ġew ippreparati.[31]

Il-Belġju: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Belġju kien qed iġarrab żbilanċi makroekonomiċi li kienu jeħtieġu monitoraġġ u azzjoni politika, b'mod partikolari fir-rigward

[30] Dan l-approċċ, li jevita x-xogħol doppju tal-proċeduri u tal-obbligi tar-rappurtar ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 472/2013 (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1). Huwa wkoll konformi mal-proposta tal-Kummissjoni dwar faċilità li tipprovdi l-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro (COM(2012) 336, 22.6.2012). Għal diskussjonijiet dettaljati dwar s-sitwazzjoni ekonomika u l-progress ekonomiku fit-tneħħija tal-iżbilanċi u r-riskji makroekonomiċi f'dawn l-Istati Membri, ara l-aħħar rapporti ta' konformità fi: *European Economy Occasional Papers*, 192 (il-Greċja), 197 (Ċipru), u 156 (ir-Rumanija).

[31] Il-bidliet minn ESA95 għal ESA2010, u mill-ħames manwal għas-sitt wieħed tal-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali ġew inklużi fit-tabella ta' valutazzjoni. Kif spjegat f'aktar dettall fl-anness statistiku, meta ma kinitx disponibbli dejta abbażi tal-istandards statistiċi l-ġodda fid-data tal-għeluq (l-1 ta' Novembru 2014) intużat dejta skont l-istandards il-qodma. Il-lakuni li rriżultaw fis-serje ġew adegwatament mmarkati. Għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, għall-biċċa l-kbira tal-varjabbli, it-tibdil fid-dejta li jirriżulta mit-tranżizzjoni għas-sistema tal-istatistika l-ġdida mhuwiex sinifikanti f'sens makroekonomiku; Huwa biss fi ftit każijiet li t-tibdil statistiku ġiegħel lill-varjabbli biex jiġu tiveduti minn isfel għal fuq (jew minn fuq għal isfel) tal-limiti stabbiliti. Il-bidla minn ESA95 għal ESA2010, u mill-ħames manwal għas-sitt wieħed tal-bilanċ tal-pagament tikkostitwixxi titjib fil-kwalità tad-dejta u għaldaqstant hija pożittiva għall-analiżi ekonomika, minkejja l-lakuni temporanji fis-serje.

tal-kompetittività tal-prodotti. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi jaqbżu l-limiti stabbiliti indikattivi, b'mod partikolari l-ishma tas-suq tal-esportazzjoni (minkejja titjib apparagun taċ-ċifri tas-sena li għaddiet) id-dejn tas-settur pubbliku u privat.

L-indikatur tal-kont kurrenti fuq tliet snin irreġistra defiċit relattivament żgħir fl-2013, li huwa mistenni li jitjieb ftit. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta għadha b'saħħitha. Fl-2013, għall-ewwel darba sa mill-2009, l-esportazzjonijiet tal-Belġju akkwistaw sehem mis-suq, li wassal għal titjib viżibbli fl-indikatur ta' sehem is-suq tal-esportazzjoni (medja ta' ħames snin), għalkemm xorta waħda għadu jirreġistra telf lill hinn mil-livell limitu. Rigward il-kompetittività tal-prezzijiet, il-medja tal-indikatur tal-kost ta' unità lavorattiva (KUL) fuq tliet snin żdied iżda baqa' fil-livell limitu ta' allert minħabba t-tkabbir fl-2011-12 tal-KUL. Madankollu, kien hemm deċellerazzjoni sa mill-2013, li hija prevista li tkompli fuq it-terminu medju. Id-dejn tas-settur privat żdiet apparagun tal-2012 u għadu ogħla mill-valur limitu, li prinċipalment jirrifletti l-livell għoli ta' dejn tal-kumpaniji. Id-dejn pubbliku, ogħla minn 100 fil-mija tal-PDG, għadu ġeneralment stabbli. L-obbligazzjonijiet tas-settur finanzjarju naqsu fl-2013, filwaqt li l-influwenza tas-settur finanzjarju niżlet għal-livell l-aktar baxx f'ħames snin. Il-prezzijiet tad-djar aġġustati skont l-inflazzjoni kienu stabbli fl-2013, u dan isegwi tendenza fissa fis-snin reċenti *Kollox ma' kollox, il-Kummissjoni taraha utli, filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni l-identifikazzjoni tal-iżbilanċi ta' Marzu 2014, li tkompli teżamina l-persistenza tal-iżbilanċi jew it-tneħħija tagħhom.*

Grafika A2: ***Is-suq tax-xogħol u l-indikaturi***



Sors: Eurostat

Il-Bulgarija: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Bulgarija kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi li għandhom bżonn monitoraġġ u azzjoni politika, b'mod partikolari rigward l-aġġustament imtawwal tas-suq tax-xogħol, filwaqt li l-korrezzjoni tal-pożizzjoni esterna u ta' tnaqqis fl-ingranaġġ korporattiv kienu qed jagħmlu progress sew. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi kienu jaqbżu l-livell limitu indikattiv, jiġifieri l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (net international investment position, NIIP), il-kost ta' unità lavorattiva, id-dejn tas-settur pruivat u r-rata tal-qgħad.

L-NIIP għadha ferm negattiva minkejja it-titjib ulterjuri li ġie osservat fl-2013 minħabba surplus fil-kont kurrenti. Prestazzjoni pożittiva fl-esportazzjoni irriżultat f'żiediet fis-sehem tas-suq minkejja li l-kost ta' unità lavorattiva żdied. Id-dejn tas-settur privat għadu viċin, iżda bil-kemm jaqbeż il-livell limitu tat-tabella ta' valutazzjoni, u huwa kkonċentrat fis-settur korporattiv. Fl-ewwel nofs tal-2014, ir-rata tal-qgħad tal-Bulgarija naqset għall-ewwel darba sa mill-2009, iżda għadha għolja, b'aktar minn 12 fil-mija fl-2013. Barra minn hekk, il-qgħad fost iż-żgħażagħ kompla jikber, u l-qgħad ta' terminu twil għadu għoli. Flimkien mal-impjiegi li qed jonqsu, dan iżid mal-isfidi soċjali sinifikanti li l-pajjiż diġà qed jiffaċċja, kif jidher fir-rati għoljin ħafna tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali. F'Ġunju 2014, is-settur bankarju tal-Bulgarija esperjenza taqlib meta l-ghajdut ta' dgħufija xpruna assalt bankarju fuq xi banek ta'

proprjetà tal-Istat. B'riżultat ta' dan, bank minnhom tpoġġa taħt amministrazzjoni speċjali, filwaqt li ieħor irċieva appoġġ ta' likwidità mill-gvern. Il-problemi fis-settur finanzjarju jista' jkollhom implikazzjonijiet sinifikanti għall-istabbiltà makroekonomika għax jistgħu ikunu ta' piż fuq it-tkabbir ekonomiku, itawlu d-deflazzjoni u jiggravaw l-isfidi fiskali. *Kollox ma' kollox, il-Kummissjoni taraha utli, filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni l-identifikazzjoni tal-iżbilanċ ta' Marzu 2014, li tkompli teżamina l-persitenza tal-iżbilanċi jew it-tneħħija tagħhom.*

Ir-Repubblika Ċeka: Fis-serje preċedenti tal-MIP, ma ġewx identifikati żbilanċi fir-Repubblika Ċeka. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, żewġ indikaturi qabżu il-livell limitu indikattiv, jiġifieri l-NIIP u, għall-ewwel darba, telf fis-sehem tas-suq tal-esportazzjoni.

Id-defiċit fil-kont kurrenti naqas fis-snin reċenti, tendenza li hija mistennija li tkompli. L-NIIP għadha ogħla sew mil-livell limitu, iżda ġeneralment stabbli. Ir-riskji relatati mal-pożizzjoni esterna għadhom limitati billi l-obbligazzjonijiet barranin huma ġġustifikati mill-investiment dirett barrani, u bħala konsegwenza d-dejn nett estern huwa baxx ħafna. Madankollu, il-flussi ta' introjtu primarju assoċjati ma' din il-pożizzjoni jesiġu bilanċ pożittiv fil-kummerċ sostenibbli sabiex tiġi żgurata sostenibbiltà esterna, li tkun il-bażi tal-ħtieġa li tinżamm il-kompetittività. L-indikatur dwar it-telf tas-sehem mis-suq tal-esportazzjoni qabeż il-livell limitu, għalkemm it-telf fl-2013 iddeċellera apparagun tal-2012 u huwa mistenni li jiġi mrażżan fis-snin li ġejjin. Fl-istess waqt, kien hemm żviluppi favorevoli fl-indikaturi kompetittivi bħal REER u KUL. Il-livelli ta' dejn tas-settur privat żdiedu, iżda jibqgħu relattivament baxxi u taħt il-livell limitu sew. Fl-istess waqt, it-tkabbir tal-kreditu huwa dgħajjef. Minkejja żieda sostanzjali fis-snin reċenti, id-dejn pubbliku għadu stabbli u taħt il-livell limitu. Is-settur bankarju fil-biċċa l-kbira ta' proprjetà barranija għadu stabbli, għalkemm l-obbligazzjonijiet kollha tas-settur finanzjarju żdiedu b'mod sostanzjali sew fl-2013. Il-qgħad baqa' stabbli matul il-kriżi u reċentement beda jonqos. *Kollox ma; kollox, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-kuntest tal-MIP.*

Grafika A3: ***NIIP u l-bilanċ tal-KK***



Sors: Eurostat
*Note: * tindika BPM5 and ESA95 - waqfa fis-serje fl-2008. Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar dettalji.*

Id-Danimarka: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-isfidi makroekonomiċi fid-Danimarka ma jikkostitwixxux riskji makroekonomiċi sostanzjali li jikkwalifikaw bħala żbilanċ fil-kuntest tal-MIP. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi jaqbżu l-livell limitu indikattiv tagħhom, jiġifieri l-bilanċ favorevoli fil-kont kurrenti, it-telf mis-sehem tas-suq tal-esportazzjoni u d-dejn tas-settur privat.

Is-surplus fil-kont kurrenti ilu għal għadd ta' snin b'tendenza li jiżdied, u qabeż il-livell limitu tat-tabella ta' valutazzjoni. Sa ċertu punt, dan jirrifletti tkabbir fid-domanda domestika dgħajjef apparagun tas-sħab kummerċjali prinċipali tal-pajjiż. Is-surplus fil-kont kurrenti huwa mistenni li jonqos hekk kif l-irkupru jissaħħaħ. L-esportazzjoni kisbet sehem mis-suq fl-2013, u taffiet it-tnaqqis tas-snin preċedenti. L-indikaturi tal-kompetittività tal-prezzijiet ma jindikawx aktar telf. Id-dejn tas-settur privat għadu għoli u iżjed mil-livell limitu tat-tabella ta' valutazzjoni, għalkemm mill-2009 qabad it-triq tan-niżla. Id-dejn għoli tal-familja huwa karatteristika speċifika tal-ekonomija Daniża, apparagun tas-sistema ta' kreditu ipotekarju tagħha. B'riżultat ta' dan, id-dejn tal-familja huwa ibbilanċjat ma' livell għoli ta' assi, bħall-proprjetà ta' beni immobbli u pensjonijiet għoljin. Barra minn hekk, l-unitajiet domestiċi kienu kapaċi jifilħu l-aġġustamenti fil-prezzijiet tad-djar li seħħew sal-2012, mingħajr żidiet sinifikanti fl-arretrati. Għaldaqstant, ir-riskju vis-à-vis l-ekonomija reali u l-istabbiltà finanzjarja jidhru mrażżna. Barra minn hekk, is-settur finanzjarju ġie msaħħaħ minn miżuri regolatorji u superviżorji. *Kollox ma; kollox, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-kuntest tal-MIP.*

Grafika A4: ***Id-dejn tal-unitajiet domestiċi u l-Indiċi tal-Prezzijiet tad-Djar***



Sors: Eurostat

Il-Ġermanja: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ġermanja kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi li għandhom bżonn monitoraġġ u azzjoni politika. Dawn l-iżbilanċi jirrigwardaw surpluses kbar u persistenti fil-kont kurrenti li huma r-riżultat ta' domanda domestika baxxa, inkluż l-investiment, kif ukoll kompetittività b'saħħitha. Il-bżonn li tiġi indirizzata d-dgħjufija tad-domanda u l-investiment, li qed iżomm lura it-tkabbir ekonomiku tal-Ġermanja, huwa ta' importanza partikolari minħabba r-rwol prominenti tal-ekonomija Ġermaniża u l-riperkussjonijiet potenzjali tagħha għall-UE u ż-Żona tal-Euro. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi għadhom ogħla mil-livell limitu indikattiv tagħhom, jiġifieri s-surplus fil-kont kurrenti, it-telf mis-sehem tas-suq tal-esportazzjoni u d-dejn tas-settur pubbliku.

L-indikatur tas-surplus fil-kont kurrenti Ġermaniż fuq medja ta' tliet snin kompla jiżdied u l-bilanċ favorevoli annwali li jagħmel tajjeb għall-biċċa l-kbira tas-surplus fil-kont kurrenti taż-Żona tal-Euro huwa mistenni li jibqa' għoli fis-snin li ġejjin. Il-bilanċ tal-Ġermanja vis-à-vis iż-Żona tal-Euro naqas, immexxi prinċipalment minn tnaqqis fl-esportazzjonijiet, filwaqt li l-bilanċ tagħha vis-à-vis il-bqija tad-dinja żdied. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta pożittiva qed tkompli tissaħħaħ. L-indikatur għat-telf ta' sehem is-suq tal-esportazzjoni fuq mira ta' ħames snin huwa ogħla mil-livell limitu, għalkemm kien hemm ftit qligħ fis-sehem tas-suq fl-2013. It-telf huwa aktar imrażżan milli fil-biċċa l-kbira taż-Żona tal-Euro, u ġeneralment huwa l-istess bħal ta' ekonomiji oħra avvanzati. L-indikaturi tal-kompetittività tal-prezzijiet reċentement juru deterjorament, għalkemm għad hemm qligħ akkumulat kbir

apparagun tad-deċennju ta' qabel. Ir-REER abbażi tal-HICP fl-2013 żied fil-valur aktar mill-medja tal-euro, u parzjalment ikkumpensa għad-deprezzamenti tas-snin preċedenti. Il-KUL kompla jiżdied fl-2013, li juri żidiet fil-pagi relattivament b'saħħithom. L-investiment ikkontribwixxa negattivament għat-tkabbir fis-snin 2012 u 2013. L-investiment privat naqas fit-tieni kwart ta' din is-sena, u xekkel l-irkupru li beda fl-2013. Minkejja l-inizjattivi ta' politika reċenti, l-akkumulu pendenti fl-investiment pubbliku għadu hemm. It-tnaqqis fl-ingranaġġ tas-settur pubbliku kompla filwaqt li t-tkabbir fil-kreditu għadu mrażżan, li juri li hemm domanda baxxa ta' kreditu u l-biċċa l-kbira tal-finanzjament isir permezz ta' fondi interni. Id-dinamika tal-prezzijiet tad-djar u l-iżviluppi fis-suq tad-djar f'ċerti oqsma u reġjuni jistgħu jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku naqas fl-2013 u huwa previst li jibqa' jonqos. Is-suq tax-xogħol għadu robust u l-qgħad qabad it-triq tan-niżla. *Kollox ma' kollox, il-Kummissjoni taraha utli, filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni l-identifikazzjoni tal-iżbilanċi ta' Marzu 2014, li tkompli teżamina l-persistenza tal-iżbilanċi jew it-tneħħija tagħhom.*

Grafika A5: ***Kummerċ - Iż-Żona tal-Eur vs il-Bqija tad-Dinja***



Sors: Eurostat

L-Estonja: Fis-serje preċedenti tal-MIP, ma ġewx identifikati żbilanċi fl-Estonja. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi jaqbżu l-limiti indikattivi, fosthom l-NIIP negattiva, il-kostijiet ta' unità lavorattiva nominali, il-prezzijiet tad-djar aġġustati skont l-inflazzjoni u l-qgħad.

L-NIIP negattiva għadha taqbeż il-livell limitu, għalkemm qed tonqos. Madankollu, minħabba li nofs l-obbligazzjonijiet esterni jikkonsistu f'FDI, għad hemm riskju ta' finanzjament estern limitat. Il-kont kurrenti tal-Estonja bħalissa f'qiegħed f'defiċit, u dan previst li jiżdied. Iż-żieda fil-kost ta' unità lavorattiva nominali tirrifletti tkabbir ekonomiku mmexxi mid-domanda domestika u

Grafika A6: ***Ir-rata tal-kambju reali effettiva u l-KU***



Sors: Eurostat, is-servizzi tal-Kummissjoni

mill-provvista ristretta ta' ħaddiema. Id-dejn tas-settur privat fl-Estonja huwa taħt il-livell limitu iżda relattivament għoli apparagun ta' tamparha. Is-settur privat qiegħed madankollu jnaqqas fl-ingranaġġ, meġħjun minn tkabbir nominali tal-PDG relattivament robust. Il-prezzijiet tad-djar, li qed jogħlew relattivament malajr, jirriflettu effett ta' kwalità u provvista tad-djar li kienu biss reċentement li bdew jaġġustaw għad-domanda ta' rkupru. Id-dejn tal-gvern huwa l-aktar baxx fl-UE. Il-qgħad qabad it-tendenza li jonqos u huwa mistenni li s-sena d-dieħla l-indikatur se jkun taħt il-livell limitu. Minkejja dan, ir-rata tal-qgħad ta' terminu twil ta' ħaddiema bi ftit kompetenzi professjonali u indikaturi oħra relatati mal-faqar u mal-esklużjoni soċjali għadhom relattivament għoljin. L-esponiment tal-Estonja għar-riskji ġeopolitiċi, b'mod artikolari l-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukraina, jaggravaw il-potenzjal ta' tkabbir tal-pajjiż u jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib. *Kollox ma; kollox, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-kuntest tal-MIP.*

L-Irlanda: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Irlanda kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi li kienu jeħtieġu monitoraġġ speċifiku u azzjoni politika deċiżiva, b'mod partikolari li jinvolvu lill-iżviluppi fis-settur finanzjarju, il-pożizzjoni tad-dejn fis-settur privat u pubbliku, l-obbligazzjonijiet esterni għolja grossi u nett kif ukoll is-suq tax-xogħol. Kif imħabbar f'Marzu 2014 u f'konformità mar-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni bdiet monitoraġġ speċifiku fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Irlanda.[32] Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi huma ogħla mil-livell limitu indikattiv, jiġifieri l-NIIP, id-dejn tas-settur privat u pubbliku u r-rata tal-qgħad.

L-NIIP baqgħet negattiva sew fl-2013, iżda bdiet tonqos sa mill-2012 minħabba tnaqqis fl-ingranaġġ li għadu għaddej fis-settur privat u t-tfaċċar ta' surpluses fil-kont kurrenti kbar ħafna. L-indikaturi dwar it-telf mis-sehem tas-suq tal-esportazzjoni issa jinsab taħt il-livell limitu u fl-2013 kien hemm xi qligħ ġaladarba l-esportazzjonijiet tas-servizzi komplew jikbru malajr. Wara li kien hemm irkupru sinifikanti fil-kompetittività f'dawn l-aħħar snin, l-indikaturi tal-kompetittività tal-prezzijiet issa huma ġeneralment stabbli. Id-dejn tas-settur privat naqas iżda għadu għoli ħafna, li jindika il-bżonn ta' aktar tnaqqis fl-ingranaġġ sinifikanti specjalment, mill-unitajiet domestiċi. Il-livell ta' dejn li jirrigwarda is-settur korporattiv huwa amplifikat bil-preżenza ta' kumpaniji multinazzjonali li huma bbażati fl-Irlanda b'livell għoli ta' investiment iffinanzjat minn barra, li joperaw fil-biċċa l-kbira fi swieq dinjija. Il-piż tad-dejn għoli tas-settur privat kompla

Grafika A7: ***Id-dejn***



Sors Eurostat

[32] Ara COM(2014) 150, 5.3.2014 u r-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro (2014/C 247/27, ĠU 247, 29.7.2014, p. 141). Dan il-monitoraġġ speċifiku għall-Irlanda jserraħ fuq is-sorveljanza ta' wara l-programm. L-aħħar rapport dwar il-postsorveljanza tal-programm tal-Irlanda huwa disponibbli fil- *European Economy-Occasional Papers*, 195

jiżdied bħala perċentwali tal-PDG fl-2013, iżda huwa previst li jinżel mill-2014 'il quddiem. Is-suq tad-djar miss il-qiegħ, u l-prezzijiet issa reġgħu qed jitilgħu, speċjalment f'Dublin. Ir-rata tal-qgħad għadha ogħla mil-livell limitu indikattiv, u f'nofs l-2014 aktar minn nofs dawk qiegħda kienu ilhom mingħajr impjieg għal mill-inqas 12-il xahar. Madankollu, il-qgħad ilu jonqos sa mill-bidu tal-2013, immexxi mill-ħolqien kostanti tal-impjiegi, għalkemm il-qgħad (b'mod ġenerali, fuq terminu twil u l-qgħad fost iż-żgħażagħ) għadu għoli ħafna *Kollox ma' kollox il-Kummissjoni taraha utli, anki meta tieħu inkonsiderazzjoni l-identifikazzjoni ta' Marzu 2014 tal-iżbilanċi li jeħtieġu azzjoni deċiżiva, li tkompli teżamina r-riskji involuti jekk jippersistu l-iżbilanċi jew jitneħħew.*

Il-Greċja: Sa minn Mejju 2010, il-Greċja bbenefikat minn assistenza finanzjarja għall-aġġustament makroekonomiku. Il-superviżjoni tal-iżbilanċi u l-monitoraġġ tal-miżuri korrettivi seħħew skont dan il-kuntest u mhux skont l-MIP. Skont il-programm tagħha l-Greċja għamlet progress sostanzjali sabiex tikkoreġi l-iżbilanċi tagħha u tnaqqas ir-riskji makroekonomiċi. Madankollu, fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, diversi indikaturi jeċċedu l-livell limitu indikattiv: L-NIIP, telf mis-sehem tas-suq tal-esportazzjonijiet; dejn privat u pubbliku u l-qgħad;

Grafika A8: ***NIIP u l-bilanċ tal-KK***



Sors: Eurostat

*Note: * tindika BPM5 and ESA95 - waqfa fis-serje fl-2008 (NIIP) u 2009 (KK). Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar dettalji.*

Fl-2013 il-kont kurrenti tal-Greċja kompla jaġġusta ruħu, immexxi prinċipalment minn tnaqqis fl-importazzjonijiet, xi sostituzzjonijiet fl-importazzjoni u dħul ogħla mit-turiżmu. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, apparti dik tat-turiżmu, għadha dgħajfa. Id-defiċit akkumulat fis-sehem tas-suq tal-esportazzjoni tul dawn l-aħħar ħames snin jeċċedi sew il-livell limitu. Il-Greċja madankollu qed tirkupra l-kompetittività tal-prezzijiet kif jidher fit-tnaqqis qawwi tal-kost ta' unità lavorattiva appoġġat minn firxa wiesgħa ta' riformi strutturali skont il-programm. Ir-REER abbaži tal-HICP niżel sostanzjalment. Il-proporzjon negattiv tal-NIIP għall-PDG kompla jiżdied minn livelli li diġà kienu għoljin, li jirrifletti l-impatt tar-reċessjoni twila fuq il-PDG nominali, u l-effetti b'lura tad-defiċits fil-kont kurrenti. Il-prezzijiet tad-djar waqgħu fl-2013, li jirriflettu r-reċessjoni profonda u l-aġġustament kontinwu fis-settur tal-proprjetà immobbli. Id-dejn tas-settur privat baqa' għoli, kemm kemm ogħla mil-livell limitu, u l-isforzi għal tnaqqis fl-ingranaġġ ma rnexxilhomx iħallu l-marka tagħhom fil-proporzjon tad-dejn privat, minkejja l-flussi ta' kreditu ferm negattivi. Id-dejn tal-gvern għadu għoli ħafna wkoll, għalkemm huwa mistenni li fl-2014 jilħaq il-massimu u wara gradwalment jonqos. Ir-rata tal-qgħad hija għolja ħafna, iżda huwa mistenni li fl-2014 tibda tonqos. L-iżviluppi ekonomiċi kellhom impatt kbir fuq indikaturi oħra soċjali bħall-qgħad fost iż-żgħażagħ, il-qgħad fit-tul u l-indikaturi tal-faqar. *L-assistenza finanzjarja u l-programmi ta' aġġustament għenu lill-Greċja biex tnaqqas l-iżbilanċ*

makroekonomiku eċċessiv tagħha u biex timmaniġġja r-riskji relatati. Is-sitwazzjoni tal-Greċja fil-kuntest tal-MIP tiġi vvalutata fl-aħħar tal-programm attwali ta' assistenza finanzjarja, u se tiddependi fuq l-arranġamenti ta' wara l-programm li eventwalment għandhom jiġu miftiehma.

Spanja: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li Spanja kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi li kienu jeħtieġu monitoraġġ u azzjoni politika deċiżiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-livelli għoljin ta' dejn domestiku u estern. Kif imħabbar f'Marzu 2014 u f'konformità mar-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni bdiet monitoraġġ speċifiku fuq l-implimentazzjoni tal-politiki ta' Spanja[33]. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, diversi indikaturi jaqbżu l-livell limitu indikattiv, fost l-oħrajn il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta, l-ishma tas-suq tal-esportazzjoni, id-dejn tas-settur privat, id-dejn gross tal-gvern u r-rata tal-qgħad.

L-indikatur tal-kont kurrenti issa jinsab ferm inqas mil-livell limitu, billi Spanja laħqet bilanċ pożittiv fil-kont kurrenti fl-2013, l-aktar minħabba tnaqqis fid-domanda domestika. Hekk kif id-domanda domestika taqbad, is-sostenibbiltà fit-tul tar-riekwilibriju estern hija ta' importanza primarja, l-aktar minħabba għax l-NIIP negattiva għadha ferm għolja. Madankollu, iż-żieda fl-2013 hija l-aktar ir-riżultat tal-effetti ta' valwazzjoni, li jirriflettu titjib fil-fiduċja tal-investituri fl-ekonomija Spanjola. It-telf akkumulat tal-ishma tas-suq tal-esportazzjoni, għalkemm għadu ogħla mil-livell limitu, tnaqqas konsiderevolment minħabba l-qligħ tal-2013, u d-diżlivell marbut ma' ekonomiji avvanzati oħra ġie eliminat. It-titjib fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni hija sa ċertu punt attribwibbli għal ritorn fil-kompetittività tal-prezzijiet, viżibbli fid-dejta tal-KUL. Id-dejn tas-settur privat għadu ferm għoli, filwaqt li t-tnaqqis fl-ingranaġġ kompla fl-2013, l-aktar minħabba l-flussi ta' kreditu negattivi, għalkemm ġie osservat ukoll titjib bikri fis-self lill-SMEs. Ir-ristrutturar tal-Banek għamel progress, u kkontribwixxa għat-tiġdid gradwali tal-kundizzjonijiet tal-provvista tal-kreditu. Id-dejn tal-gvern żdied sostanzjalment, li jirrifletti parzjalment il-proċess tat-tiswija tal-karta tal-bilanċ tas-settur finanzjarju, iżda wkoll li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika għadu wkoll ferm għoli. Il-prezzijiet tad-djar u l-bini residenzjali bħala sehem mill-PDG komplew jinżlu fl-2013, iżda dejta reċenti tissuġġerixxi li s-suq tad-djar qed jistabbilizza ruħu. Ir-rata tal-qgħad ferm għolja fi Spanja kompliet togħla

Grafika A9: ***NIIP u l-bilanċ tal-KK***



Sors: Eurostat

*Note: *tindika BMP5 and ESA95 - waqfa fis-serje fl-2010 (KK) u 2012 (NIIP). Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar dettali.*

[33] Ara COM(2014) 150, 5.3.2014 u r-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro (2014/C 247/27, ĠU 247, 29.7.2014, p. 141). Dan il-monitoraġġ speċifiku għal Spanja jserraħ fuq il-postsorveljanza tal-programm. L-aħħar rapport dwar il-postsorveljanza tal-programm ta' Spanja huwa disponibbli fil- *European Economy-Occasional Papers*, 193

fl-2013, iżda issa qed tonqos peress li t-tkabbir tal-PDG qaleb għall-pożittiv u riformi reċenti fis-suq tax-xogħol bdew jagħtu l-frott tagħhom. Il-qgħad fit-tul u l-qgħad taż-żgħażagħ ferm għoljin jipperikolaw il-prospetti tat-tkabbir għall-futur u jkabbru l-inugwaljanza soċjali. *Kollox ma' kollox il-Kummissjoni taraha utli, anki meta tieħu inkonsiderazzjoni l-identifikazzjoni ta' Marzu 2014 tal-iżbilanċi li jeħtieġu azzjoni deċiżiva, li tkompli teżamina r-riskji involuti jekk jippersistu l-iżbilanċi jew jitneħħew.*

Franza: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li Franza kompliet tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi li għandhom bżonn monitoraġġ speċifiku[34] u azzjoni politika deċiżiva. L-iżbilanċi irrigwardaw id-deterjorament fil-bilanċ tal-kummerċ u fil-kompetittività, kif ukoll l-implikazzjonijiet tal-pożizzjoni ta' dejn tas-settur pubbliku. Kif imħabbar f'Marzu 2014 u f'konformità mar-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni bdiet monitoraġġ speċifiku fuq l-implimentazzjoni tal-politiki ta' Franza. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, għadd ta' indikaturi għadhom jaqbżu l-livell limitu indikattiv tagħhom, jiġifieri t-telf fis-sehem tas-suq tal-esportazzjoni, id-dejn tas-settur privat u d-dejn tal-amministrazzjni pubblika.

Grafika A10: ***Self nett/ self skont is-settur***



Sors: servizzi tal-Kummissjoni

Il-bilanċ tal-kummerċ u t-tendenzi fil-kompetittività ma urew l-ebda sinjal ta' treġġigħ lura. Il-kont kurrenti għadu f'pożizzjoni stabbli li bħala defiċit tirrispetta l-livell limitu, filwaqt li l-NIIP hija moderatament negattiva. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni għadha dgħajfa, b'defiċit akkumulat sostanzjali fis-sehem mis-suq tal-esportazzjoni, għalkemm kien hemm xi qligħ limitat fl-2013. It-tkabbir fil-kost ta' unità lavorattiva huwa relattivament imrażżan, iżda mhux juri titjib fil-kompetittività tal-prezzijiet. Il-profitabbiltà tal-kumpaniji privati għadha baxxa, li tillimita l-prospetti ta' tnaqqis fl-ingranaġġ u tal-kapaċità tal-investiment. Id-dejn privat huwa ogħla mil-livell limitu u jimxi pari passu mal-proporzjon għoli u dejjem jiżdied tad-dejn pubbliku, li qed joqrob il-100 fil-mija tal-PDG. Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol sejra għall-agħar, b'żieda fil-qgħad li hija viċina ferm tal-livell limitu. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ jinsab ukoll għoli u qed jiżdied. Fil-kuntest ta' livell baxx ta' tkabbir u tal-inflazzjoni, huwa partikolarment importanti li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi ta' Franza minħabba d-daqs tal-ekonomija Franċiża u r-riperkussjonijiet potenzjali tagħha li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament taż-żona tal-euro. *Kollox ma' kollox il-Kummissjoni taraha utli, anki meta tieħu inkonsiderazzjoni l-identifikazzjoni ta' Marzu 2014 tal-iżbilanċi li jeħtieġu azzjoni deċiżiva, li tkompli teżamina r-riskji involuti jekk jippersistu l-iżbilanċi jew jitneħħew.*

[34] Ara COM(2014) 150, 5.3.2014 u r-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro (2014/C 247/27, ĠU 247, 29.7.2014, p. 141). Ir-rapporti dwar il-monitoraġġ speċifiku se jkunu pubbliċi.

Il-Kroazja F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Kroazja kienet għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi li jeħtieġu monitoraġġ speċifiku u azzjoni politika deċiżiva relatati obbligazzjonijiet esterni, prestazzjoni dejjem tonqos fl-esportazzjoni, kumpaniji ingranati ħafna u dejn tal-gvern ġenerali dejjem jikber, f'kuntest ta' tkabbir baxx u nuqqas ta' kapaċità ta' aġġustament. Kif tħabbar f'Marzu 2014, il-Kummissjoni implimentat monitoraġġ speċifiku tal-implimentazzjoni tal-politiki għall-Kroazja.[35] Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi jinsabu lil hinn mill-limitu indikattiv, jiġifieri n-NIIP, it-telf fl-ishma tas-swieq tal-esportazzjoni, id-dejn tas-settur pubbliku u r-rata ta' qgħad.

Grafika A11: ***Ishma s-suq tal-esportazzjoni, l-impjiegi u t-tkabbir tal-PDG***



Sors: Eurostat

Nota: Is-serje tal-impjiegi bbażata fuq l-istandard ESA95.

In-NIIP negattiv kbir naqas kemxejn hekk kif il-kont kurrenti nbidel f'surplus. L-aġġustament tal-kont kurrenti ġie xprunat minn domanda domestika u investiment dejjem jonqsu, b'impatti detrimentali potenzjali fuq il-potenzjal ta' tkabbir tal-Kroazja. Il-prestazzjoni tal-informazzjoni hija dgħajfa u t-telf akkumulat fis-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet jibqa' kbir ħafna, għalkemm kien hemm xi deċellerazzjoni u progress moderat dan l-aħħar. Il-kisbiet tal-kompetittività, madankollu, baqgħu limitati, bil-KUL u r-REER fl-2013 anke reġgħu bdew jiżdiedu wara li kienu ilhom jonqsu mill-2010. Id-dejn tas-settur privat, filwaqt li huwa taħt il-limitu, huwa relattivament għoli meta mqabbel mal-pari u għadu mhux qed jonqos, minkejja tkabbir ta' kreditu negattiv. Il-piż żejjed tad-dejn tal-SOE jżid obbligazzjonijiet kontinġenti sinifikanti għall-gvern u jindika nuqqasijiet fil-governanza tagħhom. L-ekonomija kontraenti u żbilanċji għolja tal-baġit poġġew il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG fuq tendenza dejjem tiżdied, li fiha l-konsolidazzjoni fiskali hija diffiċli f'ambjent reċessjonarju. Aġġustament tal-pagi kajman jikkontribwixxi biex jgħaġġel il-qerda tal-impjiegi u jżid livell għoli ta' qgħad. Il-qgħad għoli u fit-tul fost iż-żgħażagħ, kif ukoll rati ta' attività baxxi jkomplu jagħmlu ħsara lill-prospetti tat-tbakkir ekonomiku, jwaqqfu ċ-ċrieki ta' reazzjoni negattivi, u jistrapazzaw in-nisġa soċjali. *Kollox ma' kollox il-Kummissjoni taraha utli, anki meta tqis l-identifikazzjoni tal-iżbilanċi eċċessivi f'Marzu 2014, li teżamina aktar il-persistenza tal-iżbilanċi tar-riskji makroekonomiċi u li tagħmel monitoraġġ fuq il-progress fit-taħlil tal-iżbilanċi eċċessivi.*

L-Italja: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Italja kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi bil-ħtieġa ta' monitoraġġ speċifiku u azzjonijiet ta' politika

[35] Ara COM(2014) 150, 5.3.2014. Ir-rapport ta' Novembru 2014 jinsab fuq http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/documents/2014-11-07_croatia_mip_ specific_ monitoring_report_to_epc_en.pdf.

deċiżivi. L-iżbilanċi jinvolvu b'mod partikolari il-livell għoli ħafna ta' dejn pubbliku u kompetittività esterna dgħajfa, it-tnejn li huma bbażati fi tkabbir fil-produttività batut. Kif imħabbar f'Marzu 2014 u f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet għaż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni implimentat monitoraġġ speċifiku għall-implimentazzjoni tal-politika għall-Italja.[36] Fil-valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi jinsabu lil hinn mill-limitu indikattiv, jiġifieri, it-telf fl-ishma tas-swieq tal-esportazzjoni, il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG u r-rata ta' qgħad.

Għalkemm il-pożizzjoni esterna qed taġġusta u s-surplus fil-kont kurrenti rreġistrat fl-2013 huwa mistenni jikber aktar, dawk l-iżviluppi huma xprunati prinċipalment minin domanda interna dgħajfa u tkabbir modest fl-esportazzjoni. Fuq bażi ta' ħames snin, it-telf akkumulat fis-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet kompla jkun għoli u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tibqa' dgħajfa wkoll meta mqabbla ma' ekonomiji avvanzati oħra. L-indikaturi tal-kost tal-kompetittività huma stabbli iżda ma juru l-ebda qligħ. It-tkabbir nominali fil-KUL naqas fl-2013, bis-saħħa, parzjalment tal-produttività tal-istabbilizzazzjoni tax-xogħol wara tnaqqis kbir irreġistrat fis-sena ta' qabel. Id-dejn tas-suq privat huwa moderat, filwaqt li l-proporzjon għoli ħafna tad-dejn pubbliku għall-PDG tal-gvern ġenerali kompla jiżdied, xprunat minn tkabbir reali negattiv u inflazzjoni baxxa. Id-dgħufija ekonomika hija riflessa wkoll fil-piż dejjem jonqos ta' investiment fiss fil-PDG, li huwa xprunat mill-prospetti ekonomiċi inċerti u t-tnaqqis kbir fil-kreditu tas-settur privat fl-2013. Il-qagħad fl-Italja kompla jiżdied fl-2013, iżda stabilizza fl-ewwel nofs tal-2014. il-qagħad fost iż-żgħażagħ żdied bil-kbir għal livell għoli ħafna, filwaqt li l-qagħad fit-tul baqa' għoli ħafna. Ir-rata ta' attività hija l-aktar baxxa fl-UE. Minkejja li l-faqar u l-indikaturi soċjali kienu stabbli b'mod ġenerali fl-2013, baqgħu għolja b'mod inkwetanti u jista' jkollhom impatt ta' perjodu medju fuq il-prospetti ta' tkabbir. F'kuntest ta' tkabbir u inflazzjoni baxxi, il-bżonn li jiġu indirizzati l-iżbilanċi eċessivi tal-Italja huwa partikolarment importanti minħabba d-daqs tal-ekonomija Taljana u l-potenzjal tagħha għal effetti konsegwenzjali li jistgħu jaffettwaw it-tħaddim taż-Żona tal-Euro. *Kollox ma' kollox il-Kummissjoni taraha utli, anki meta tqis l-identifikazzjoni tal-iżbilanċi eċċessivi f'Marzu 2014, li teżamina aktar il-persistenza tal-iżbilanċi tar-riskji makroekonomiċi u li tagħmel monitoraġġ fuq il-progress fit-taħlil tal-iżbilanċi eċċessivi.*

Grafika A12: ***Id-dejn***



Sors: Eurostat

[36] Ara COM(2014) 150, 5.3.2014) u r-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro (2014/C 247/27, ĠU 247, 29.7.2014, p. 141). Ir-rapport ta' Novembru 2014 jinsab fuq http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/documents/2014-11-07_italy_mip_specific_monitoring_report_to_epc_en.pdf.

Il-Latvja: Fir-rawnd preċedenti tal-MIP ma ġew identifikati ebda żbilanċi makroekonomiċi fil-Latvja. Fit-tabella aġġornata, xi indikaturi huma lil hinn mil-limitu indikattiv, jiġifieri n-NIIP, il-qagħad u l-bidla fil-prezzijiet tad-djar aġġustati skont l-inflazzjoni.

Grafika A13: ***Pożizzjoni ta' Investiment Internazzjonali Netta***



Sors: Eurostat

Nota: esklużi l-assi ta' riżerva

In-NIIP negattiv huwa ħafna aktar għoli mil-limitu indikattiv, minkejja li naqas fl-aħħar snin. Aktar minn żewġ terzi tal-obbligazzjoni netta tirrifletti t-titoli tal-IDB u d-dejn estern nett huwa f'livell moderat. Il-kont kurrenti tal-Latvja juri defiċit żgħir. Il-gwadanni fis-sehem mis-suq tal-esportazzjoniniet tal-Latvja qed jikkalmaw iżda xorta waħda għadhom sostanzjali f'termini akkumulati. Filwaqt li l-kostijiet ta' unità lavorattiva jinsabu fil-limitu, it-tbassir juri r-riskju ta' xi qabża fil-valur fi ftit taż-żmien, madankollu fil-kuntest tat-titjib tal-kompetittività li mhix marbuta mal-ispejjeż u b'mod ġeneralment konformi mal-iżviluppi fl-imsieħba kummerċjali ewlenin. Il-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku u privat jinsabu sew taħt il-limitu. Is-settur finanzjarju jżomm likwidità għolja u proporzjonijiet tal-adegwatezza kapitali iżda ż-żieda fil-kreditu għadha negattiva fil-kuntest tad-diżingranaġġ kontinwu tas-settur bankarju. Fl-2013, iż-żieda fil-prezzijiet tad-djar aġġustati skont l-inflazzjoni qabeż il-limitu iżda bi ftit u tikkoreġi t-tnaqqis sostanzjali fis-snin ta' qabel. L-esponiment tal-Latvja għal riskji ġeopolitiċi, b'mod partikolari il-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukraina, jaggrava l-potenzjal ta' tkabbir tal-pajjiż. L-indikatur tal-qagħad (medja ta' tliet snin) qed joqrob aktar lejn il-limitu u huwa pproġettat li jonqos aktar. Il-qagħad taż-żgħażagħ ikompli jonqos. Il-qagħad fuq żmien twil, għalkemm għadu f'livell għoli, naqas b'mod sostanzjali fis-sena li għaddiet li qed itaffi wkoll ir-riskji soċjali għolja li jeżistu. *Globalment, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-każ tal-MIP.*

Grafika A14: ***Pożizzjoni ta' Investiment Internazzjonali***



Sors: Eurostat

Nota: * *tindika BMP5 u ESA95 - waqfien fis-serje fl-2008. Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar dettalji.*

Esklużi l-assi ta' riżerva.

Il-Litwanja: Fir-rawnds preċedenti tal-MIP ma ġew identifikati ebda

żbilanċi makroekonomiċi fil-Litwanja. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, uħud mill-indikaturi huma ogħla mil-limiti indikattivi, jiġifieri n-NIIP u l-qgħad.

In-NIIP negattiv tal-Litwanja jibqa' ogħla mil-limitu iżda tjieb b'mod sinifikanti. Flimkien ma' dan, id-dejn estern nett huwa aktar baxx b'mod sostanzjali, li jirrifletti l-istokk eżoġenu tal-IDB. Il-kont kurrenti kellu surplus żgħir fl-2013 iżda dan huwa mbassar li jinbidel f'defiċit żgħir fl-2015 hekk kif tiżdied id-domanda domestika. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tidher bsaħħitha, bi gwadanni sostanzjali fis-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet. L-indikaturi tal-kompetittività tal-ispejjeż huma relattivament stabbli anki jekk il-KUL żdiedu b'mod moderat minħabba s-suq issikkat tax-xogħol. Is-sanzjonijiet imposti mir-Russja x'aktarx ixejnu l-esportazzjonijiet u l-PDG fi żmien qasir. B'mod aktar ġenerali, l-esponiment tal-Litwanja għal riskji ġeopolitiċi, b'mod partikolari il-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukraina, jaggrava l-potenzjal ta' tkabbir tal-pajjiż. Kemm id-dejn tas-settur privat kif ukoll tal-gvern huma relattivament baxxi. Is-settur privat ikomkpli jnaqqas l-ingranaġġ u t-tkabir ta' kreditu ġdid għal korporattivi mhux finanzjarji huwa fjakk. Il-prezzijiet reali tad-djar stabbilizzaw fis-snin riċenti. Il-qagħad, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qagħad fuq żmien twil naqsu b'mod sinifikanti, u l-qgħad totali huwa mistenni jaqa' viċin tal-livelli limitu fis-snin li ġejjin. Is-sitwazzjoni aħjar fis-suq tax-xogħol qed tikkontribwixxi għal tnaqqis fil-faqar u l-esklużjoni soċjali, li jibqgħu f'livelli għolja ħafna. *Globalment, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-każ tal-MIP.*

Il-Lussemburgu: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-isfidi makroekonomiċi fil-Lussemburgu ma kienux jikkostitwixxu riskji makroekonomiċi sostanzjali li jikkwalifikaw bħala żbilanċji fis-sens tal-MIP. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, uħud mill-indikaturi huma ogħla mil-limiti indikattivi, jiġifieri l-kostijiet tal-unità lavorattiva, it-tkabbir tal-kreditu tas-settur privat u d-dejn tas-settur privat.

Grafika A15: ***Il-KUL u l-bilanċ tal-kont kurrenti***



Sors: Eurostat, is-Servizzi tal-Kummissjoni

Is-surplus sostanzjali fil-kont kurrenti tal-Lussemburgu niżel aktar fl-2013 minħabba importazzjonijiet aktar sostnuti iżda wkoll nuqqas ta' investimenti, li jimplika li l-indikatur ta' tliet snin issa ċċaqlaq fil-limitu. It-telf akkumulat fl-ishma tas-swieq tal-esportazzjoni waqa' taħt il-limitu wara xi gwadann sostanzjali fl-2013. Il-kostijiet tal-unità lavorattiva jibqgħu relattivament dinamiċi anki jekk kien hemm moderazzjoni tat-tkabbir tal-kost tal-unità lavorattiva fl-2013, Il-livell għoli ta' dejn pubbliku fil-Lussemburgu, l-aktar ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji, jirrifletti fil-wisgħa s-self transfruntier kbir bejn il-kumpaniji li qed jiġi kkontrobilanċjat minn assi mdaqqsa. Filwaqt li d-dejn tal-gvern ġenerali bħalissa jinsab f'sitwazzjoni favorevoli, jeżistu riskji għolja ta' sostenibbilità fuq żmien twil minħabba responsabilitajiet relatati mal-età. Ir-riskji għall-istabilità finanzjarja domestika li ġejjin mis-settur finanzjarju kbir ħafna tal-pajjiż għadhom jeżistu, iżda jibqgħu pjuttost limitati minħabba li s-settur huwa diversifikat u speċjalizzat fl-istess ħin. Il-banek

domestiċi sadanittant, jirreġistraw proporzjonijiet tajbin ta' kapital u likwidità. Manadakollu, d-dinamiżmu tal-prezzijiet tad-djar jirrappreżenta sors ta' tħassib. Anki jekk ir-riskju ta' korrezzjoni qawwija ta' prezzijiet jidher baxx, jeżisti tħassib min-naħa tal-forniment u l-investiment fil-kostruzzjoni residenzjali qed jonqos. *Globalment, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-kuntest tal-MIP.*

L-Ungerija: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ungerija kienet qed tesperjenza sfidi makroekonomiċi li jeħtieġu monitoraġġ u azzjoni politika deċiżiva, b'mod partikolari li jinvolvu l-aġġustament kontinwu tal-pożizzjoni tagħha ta' investiment internazzjonali netta negattiva ħafna (NIIP) u d-dejn pubbliku relattivament għoli tagħha[37]. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi jinsabu lil hinn mill-limitu indikattiv, jiġifieri n-NIIP, it-telf fl-ishma tas-swieq tal-esportazzjoni, id-dejn tal-gvern u r-rata ta' qgħad.

Grafika A16: ***NIIP u l-bilanċ KK***



Sors: Eurostat

L-eċċessi dejjem jiżdiedu tal-kontijiet kurrenti u kapitali mill-2010, żguraw tnaqqis sostnut fin-NIIP, għalkemm dan jibqa' għoli ħafna. Dan it-titjib fil-kont kurrenti kien xprunat sa ftit ilu l-aktar min talba domestika fjakka u l-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet ġeneralment kienet dgħajfa, li jirriżulta f'telf kbir akkumulat fis-sehem mis-suq. Fl-istess ħin, il-kost tal-unità lavorattiva kienu relattivament dinamiċi minkejja li r-REER ddeprezzat. Id-diżingranaġġ tas-settur privat kompla f'kuntest diffiċji b'livell għoli ta' self improduttiv, piż żejjed fuq is-settur finanzjarju, flussi negattivi ta' kreditu u tnaqqis kontinwu fil-prezzijiet tad-djar aġġustati skont l-inflazzjoni. Minkejja dan, minn nofs l-2013, il-pass tad-diżingranaġġ sar aktar kajman minħabba skemi ta' self issussidjati u żieda fit-tkabbir. Id-dejn tal-gvern ġenerali kompla jonqos b'mod gradwali, iżda t-trajjettorja dejjem tonqos mhix bsaħħitha biżżejjed minħabba l-possibilità ta' xokkijiet sfavorevoli. Iċ-ċrieki ta' reazzjoni negattivi bejn il-potenzjal ta' tkabbir ristrett tal-ekonomija u l-espożizzjoni għal movimenti ta' skambju barranin jistgħu jiggravaw il-vulnerabilitajiet tal-pajjiż. L-indikatur tal-qgħad qiegħed ftit aktar mil-limitu l-aktar minħabba r-rata ta' parteċipazzjoni li żdiedet u huwa mistenni aktar titjib. Filwaqt li s-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tjiebet, il-qagħad fuq żmien twil jibqa' għoli. Ir-rata ta' attività żdiedet iżda tkompli tkun waħda mill-aktar baxxi fl-UE. Madankollu, l-indikaturi kollha tal-faqar komplew jiddeterjoraw b'mod sostanzjali mill-bidu tal-kriżi. *Kollox ma' kollox il-Kummissjoni taraha utli, anki meta tqis l-identifikazzjoni tal-iżbilanċi f'Marzu tal-2014, li teħtieġ azzjoni deċiżiva biex teżamina aktar ir-riskji involuti jekk jippersistu jew jevolvu l-iżbilanċi.*

[37] Minbarra n-NIIP u proċeduri standard oħra ta' sorveljanza, l-iżvilupp ekonomiku u l-implimentazzjoni tal-politika fl-Ungerija ġew immonitorjati mill-viċin mill-Kummissjoni taħt sorveljanza tal-programmi ex-post. L-aktar rapport riċenti jinsab fuq http://ec.europa.eu/economy_finance /assistance_eu_ms/documents/hu_efc_note_5th_pps_mission_en.pdf.

Malta: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-isfidi makroekonomiċi f'Malta ma kenux jikkostitwixxu riskji makroekonomiċi sostanzjali li jikkwalifikaw bħala żbilanċji fis-sens tal-MIP. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, uħud mill-indikaturi huma ogħla mil-limiti indikattivi, jiġifieri l-bidla fil-kostijiet ta' unità lavorattiva, u d-dejn tas-settur pubbliku u privat.

*Grafika A17: I**d-dejn***



Sors: Eurostat
*Nota: * tindika ESA95 - waqfien fis-serje fl-2009 għad-dejn tal-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji mhux finanzjarji. Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar dettalji.*

Il-bilanċ estern mill-ġdid kompla jagħmel progress u l-biianċ tal-kont kurrenti rreġistra surplus fl-2013. Importazzjonijiet ogħla relatati ma' proġetti ta' investiment fuq skala kbira huma mistennija jirriżultaw f'deterjorament temporanju tal-bilanċi tal-kont kurrenti fl-2014-2015. Minkejja t-titjib tal-bilanċi esterni fis-snin riċenti, is-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet ta' Malta naqas għall-ħames sena konsekuttiva fl-2013, minkejja li l-bidla akkumulata għadha fil-limitu indikattiv. It-tkabbir tal-kostijiet ta' unità lavorattiva nominali jaqbeż bl-eżatt il-livell ta' limitu. Dawn l-iżviluppi jirriflettu l-istruttura li tinbidel tal-ekonomija iżda jekk jippersistu jistgħu wkoll jindikaw riskji ta' tnaqqis tal-kompetittività. Sadanittant, il-livell relattivament għoli ta' dejn privat ikkonċentrat f'korporazzjonijiet mhux fiskali, jibqa' fit-triq tan-niżla, parzjalment minħabba tkabbir ekonomiku sostnut iżda wkoll minħabba fluss ta' kreditu negattiv lejn is-settur korporattiv minħabba li l-banek għamlu standards ta' self aktar stretti l-aktar għas-settur tal-kostruzzjoni. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG kompla jiżdied iżda huwa mistenni li jistabbilizza u jonqos mis-sena d-dieħla 'l quddiem. Minkejja li s-settur bankarju kbir u prinċipalment orjentat internazzjonalment qed iwettaq diżingranaġġ, l-impatt fuq l-attività ekonomika huwa limitat minħabba li s-sehem ta' assi u obbligazzjonijiet tar-residenti fuq il-karta bilanċjarja tagħhom huwa żgħir. L-iżvilupp stabbli fil-prezzijiet tad-djar, it-tkabbir bsaħħtu tal-impjiegi, għalhekk jinsabu tul rata ta' attività baxxa u rata ta' qgħad baxxa, jnaqqsu r-riskju li jinħolqu żbilanċji interni. *Globalment, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-kuntest tal-MIP.*

Il-Pajjiżi l-Baxxi: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Pajjiżi l-Baxxi kienu għaddejjin minn żbilanċi makroekonomiċi, b'mod partikolari li kienu jinvolvu l-aġġustament kontinwu fis-suq tad-djar u l-livell għoli ta' djun fejn jolqot is-settur tal-unitajiet domestiċi. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi huma ogħla mil-limiti indikattivi, jiġifieri: is-surplus tal-kont kurrenti; it-telf tas-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet; il-livell tad-dejn tas-settur privat u d-dejn tas-settur pubbliku.

Is-surplus tal-kont kurrenti kbir b'mod persistenti tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa r-riżultat ta' tfassil kbir u investiment domestiku privat strutturalment dgħajjef, li kompla naqas fl-2013. Madankollu, huwa mistenni rkupru gradwali biex jappoġġja l-investiment fl-2014 u aktar 'il quddiem u jpoġġi xi pressjoni li tonqos b'mod aktar limitat fuq is-surplus tal-kont kurrenti. It-telf akkumulat fis-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet naqas xi ftit wara gwadann limitat fl-2013, parzjalment minħabba d-dinamiżmu tar-riesportazzjonijiet. It-tkabbir fil-kost ta' unità lavorattiva kien pożittiv u fi ħdan il-limitu. Id-dejn tas-suq privat kien stabbli f'livell ħafna ogħla mil-limitu minkejja xi diżingranaġġ attiv tal-unitajiet domestiċi. Ir-riskji huma mnaqqsa minn stokk kbir ta' assi finanzjarji miżmuma mis-settur privat. Aktar minn hekk, it-tibdil fil-politiki, bħat-tnaqqis tad-deduċibbiltà tal-interessi ipotekarji u l-proporzjonijiet tas-self mal-valur, ser jikkontribwixxu għad-diżingranaġġ tal-unitajiet domestiċi u għal settur finanzjarju aktar ibbilanċjat. Is-suq tad-djar jidher li qed jirkupra bil-prezzijiet tad-djar jerġgħu jiġu fuq saqajhom u n-numru ta' tranżazzjonijiet u permessi ta' bini jiżdiedu, li jwittu t-triq għal żieda fl-investiment fl-unitajiet domestiċi. Id-dejn tal-gvern ġenerali huwa stabbli fuq il-limitu. *Kollox ma' kollox, il-Kummissjoni taraha utli, filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni l-identifikazzjoni tal-iżbilanċi ta' Marzu 2014, li tkompli teżamina l-persitenza tal-iżbilanċi jew it-tneħħija tagħhom.*

Grafika A18: Id-dejn tal-unitajiet domestiċi u l-indiċi tal-prezzijiet tad-djar



Sors: Eurostat

Grafika A19: Id-dejn



Sors: Eurostat

L-Awstrija Fir-rawnds preċedenti tal-MIP ma ġew identifikati ebda żbilanċi makroekonomiċi fl-Awstrija. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi wħud mill-indikaturi huma ogħla mil-livelli indikattivi, jiġifieri t-telf fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni u d-dejn tas-settur tal-gvern ġenerali.

Il-kont kurrenti jibqa' f'surplus stabbli u moderat, filwaqt li n-NIIP huwa qrib taż-żero. It-telf konsiderevoli akkumulat fis-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet naqas wara gwadann limitat

fl-2013, minħabba li l-ekonomija tal-Awstrija bbenefikat mill-integrazzjoni stretta fil-katina tal-provvista mal-Ġermanja u l-Ewropea Ċentrali. Il-prestazzjoni ta' esportazzjoni aktar riċenti hija ġeneralment konformi mal-prestazzjoni tal-imsieħba tal-UE. It-tħassib tal-kompetittività tal-kost jidher limitat bit-tkabbir ful-kost tal-unità lavorattiva jkun moderat u taħt il-limitu u l-iżviluppi tar-REER ikunu konformi mal-imsieħba taż-żona tal-euro. Id-dejn tas-settur privat huwa ftit anqas mill-limitu f'livell relattivament stabbli. Il-flussi ta' kreditu għas-settur privat jibqgħu moderatament pożittivi. Id-dejn tal-gvern ġenerali jkompli jaqbeż il-limitu anke minħabba ristrutturar u rikapitalizzazzjoni relatati mal-kriżi ta' istituzzjonijiet tas-settur finanzjarju, li huwa mistenni jżid id-dejn pubbliku bi kważi 6 punti perċentawli tal-PDG fl-2014. Għalkemm jibqgħu xi riskji sostanzjali, iċ-ċrieki ta' reazzjoni negattivi bejn il-gvern ċentrali u s-settur finanzjarju tnaqqsu, parzjalment minħabba l-proċess ta' ristrutturar ta' istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin. Madankollu, l-integrazzjoni mill-qrib tas-settur bankarju ma' pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali tal-Lvant u tax-Xlokk timplika li s-sistema bankarja tal-Awstrija hija esposta għal riskji ġeopolitiċi kif ukoll għal żviluppi makrofinanzjarji f'dawk is-swieq. Din l-espożizzjoni madankollu tidher li hija xi ftit anqas globalment milli fil-passat u hija akkumpanjata minn diżingranaġġ gradwali mill-banek Awstrijaċi, li jidher fit-tnaqqis tal-obbligazzjonijiet tas-settur finanzjarju u fil-bidla lejn pajjiżi anqas riskjużi u sorsi lokali aktar stabbli ta' finanzjament. Fir-rigward tal-prezzijiet tad-djar, hemm indikazzjonijiet li l-momentum qawwi fil-prezzijiet tad-djar li ġie osservat fl-2012 naqas konsiderevolment minkejja li b'rati differenti madwar il-pajjiż. *Globalment, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-kuntest tal-MIP.*

Il-Polonja: Fir-rawnds preċedenti tal-MIP ma ġew identifikati ebda żbilanċi makroekonomiċi fil-Polonja. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, uħud mill-indikaturi huma ogħla mil-limiti indikattivi, jiġifieri n-NIIP u r-rata ta' qgħad.

In-NIIP jibqa' negattiv ħafna u kompla jaggrava b'mod moderat fl-2013. Madankollu, id-dejn estern nett huwa ħafna aktar baxx min-NIIP, minħabba li l-IDB jirrappreżenta parti kbira mill-obbligazzjonijiet barranin. Flimkien ma' dan, il-kont kurrenti ta' defiċit tjieb u huwa fi ħdan il-limitu għall-ewwel darba mill-2007, grazzi għal surplus fil-bilanċ kummerċjali u defiċit aktar baxx fil-kont tad-dħul. F'termini akkumulati, is-sehem mis-suq ta'l-esportazzjonijiet kien stabbli matul l-aħħar ħames snin, għalkemm it-telf fl-aħħar snin tpatta bi gwadanni fl-2013. Id-dejn tas-settur privat bħala persentaġġ tal-PDG jibqa' fost l-aktar baxxi fl-UE u żdied biss b'mod marġinali. Id-dejn

Grafika A20: ***Pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta***



Sors: Eurostat

*Nota: * tindika BPM5 u ESA95 - waqfa fis-serje fl-2010. Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar dettalji.*

Eskluži l-assi ta' riżerva.

pubbliku baqa' ġeneralment stabbli f'livell ftit aktar baxx mil-limitu u huwa mistenni jonqos fl-2014, l-aktar minħabba tibdil riċenti għas-sistema tal-pensjoni tat-tieni pilastru. Is-settur bankarju huma kapitalizzat sew, likwidu u profittabbli; il-fluss ta' kreditu lejn is-settur privat jibqa' baxx meta mqabbel mal-perjodu ta' qabel l-2007, iżda mhux pożittiv. Self ipotekarju bil-munita barranija għadu jammonta għal proporzjon għoli tas-self ipotekarju kollu, iżda qed jonqos b'mod stabbli. Filwaqt li r-rata tal-qgħad laħqet il-limitu fil-perjodi ta' referenza, dejta aktar riċenti turi tendenza dejjem tonqos, li tista' tkun f'riskju fid-dawl ta' possibilità ta' kriżi ekonomika mit-tensjonijiet ta' bejn ir-Russja u l-Ukraina, u kundizzjonijiet ekonomiċi aktar dgħajfa minn dak mistenni qabel fl-UE. *Globalment, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-kuntest tal-MIP.*

Grafika A21: ***NIIP u l-bilanċ tal-KK***



Sors: Eurostat

Il-Portugall: Bejn Mejju 2011 u Ġunju 2014, il-Portugall ibbenefika minn assistenza finanzjarja b'appoġġ għal programm ta' aġġustament makroekonomiku[38]. Għaldaqstant is-sorveljanza tal-iżbilanċi u l-monitoraġġ tal-miżuri korrettivi seħħew skont dan il-kuntest u mhux skont l-MIP. B'dan il-programm, il-Portugall għamel passi konsiderevoli 'l quddiem fil-korrezzjoni tad-dgħufijiet ekonomiċi tiegħu u t-tnaqqis ta' riskji makroekonomiċi. Madankollu, fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, xi indikaturi jibqgħu ogħla mil-limiti indikattivi NIIP, id-dejn privat, id-dejn pubbliku u l-qagħad.

In-NIIP negattiv huwa ogħla ħafna u ilu b'xejra li jiżdied. Madankollu, iż-żieda fin-NIIP naqset kważi għal kollox a bħar-riekwilibriji tal-kont kurrenti, xprunati mit-tkabbir tal-esportazzjoni u l-kompressjoni tal-esportazzjonijiet. It-telf akkumulat fl-ishma tas-swieq tal-esportazzjoni waqa' taħt il-limitu wara xi gwadanni fl-2013. Dawn il-gwadanni riċenti huma konsistenti ma' sinjali ta' titjib fil-kompetittività tal-kostijiet riflessi fit-tnaqqis gradwali tal-kostijiet ta' untià lavorattiva u REER stabbli. Id-dejn pubbliku huwa ogħli ħafna, u l-isforzi ta' diżingranaġġ mill-unitajiet domestiċi u l-korporattivi naqqsu biss bi ftit il-proporzjon tad-dejn privat. Id-dejn tal-gvern għadu għoli ħafna wkoll, għalkemm huwa mistenni li fl-2013 jilħaq il-massimu u wara gradwalment jonqos. Minkejja l-ġrajjiet riċenti li jikkonċernaw bank speċifiku, is-settur bankarju Portugiż ġie stabilizzat b'suċċess, bil-kapitalizzazzjoni tal-banek tkun adegwata u l-aċċess għal likwidità bbażata fis-swieq tkompli titjieb. Madankollu, livelli għolja ta' self improduttiv u l-ambjent ekonomiku globali dgħajjef ikomplu jħallu lill-banek vulnerabbli għal xokkijiet makroekonomiċi u jrażżnu l-kapaċità tagħhom li jipprovdu l-iffinanzjar għall-ekonomija reali. Il-qgħad jibqa' għoli ħafna, għalkemm wara li laħaq il-valur massimu kmieni fl-2013, kompla jonqos b'mod gradwali. Il-qgħad taż-żgħażagħ u l-qgħad fuq żmien twil huma għolja ħafna, u indikaturi soċjali oħra jibqgħu ta' tħassib. *Fil-kuntest tal-*

[38] Ara "The Economic Adjustment Programme for Portugal, 2011-2014", 2011-2014 *European Economy-Occasional Papers*, 202 għal valutazzjoni ta' implimentazzjoni globali tal-programm ta' aġġustament u l-isfidi politiki għall-ekonomija Portugiża.

integrazzjoni tal-Portugall fiċ-ċiklu ta' sorveljanza normali tal-UE, il-Kummissjoni ssibha utli li teżamina ulterjorment ir-riskji involuti f'analiżi fonda biex tivvaluta jekk jeżistux l-iżbilanċi.

Ir-Rumanija: Ir-Rumanija ilha tibbenefika minn assistenza finanzjarja, li bħalissa qiegħda fuq bażi prekawzjonali, b'appoġġ għal programmi ta' aġġustament mir-rebbiegħa tal-2009, fid-dawl tar-riskji li fadal għall-bilanċ ta' pagamenti tagħha. Is-sorveljanza tal-iżbilanċi u l-monitoraġġ tal-miżuri korrettivi seħħew skont dak il-kuntest. Madankollu, mill-ftehim tal-arranġament eżistenti fil-ħarifa tal-2013, ma tlestiet l-ebda reviżjoni tal-programm u l-programm huwa ppjanat li jintemm sa Settembru 2015. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (NIIP) għadha ogħla mil-limitu indikattiv.

Grafika A22: ***NIIP u l-bilanċ tal-KK***



Sors: Eurostat

*Nota: * tindika BMP5 u ESA95 - waqfa fis-serje fl-2005 (KK) u 2008 (NIIP). Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar dettalji.*

In-NIIP negattiv għoli tar-Rumanija jirrifletti l-akkumulazzjoni ta' defiċits ta' kont kurrenti fil-perjodu ta' qabel il-kriżi li fil-biċċa l-kbira ġew iffinanzjati mill-IDB. Dan jimplika li d-dejn estern nett huwa ftit aktar baxx min-NIIP tiegħu, għalkemm jibqa' għoli. Il-kont kurrenti kien għaddej minn riekwilibriju, iżda fl-2013 xorta kien hemm defiċit żgħir, li huwa mistenni jiżdied xi ftit fis-snin li ġejjin. l-IDB jibqa' b'mod ċar taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi. Il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet kienet bsaħħitha u r-Rumanija ggwadanjat ishma tas-suq, l-aktar fl-2013. Il-produttivita tax-xogħol irkuprat b'mod sostanzjali mill-2012, iżda l-kost ta' unità lavorattiva aċċellera fl-2013. Id-dejn tas-settur privat huwa relattivament baxx u huwa stmat li naqas ħafna fl-2013, mgħejun minn tkabbir nominali b'saħħtu. Is-settur finanzjarju huwa kapitalizzat sew u likwidu, iżda l-intermedjazzjoni tibqa' baxxa. Minkejja li ġie osservat tnaqqis notevoli fl-2014, il-pressjonijiet tad-diżingranaġġ u s-self improduttiv għoli, qed jitfgħu piż fuq l-espansjoni tal-kredtu tas-settur privat. Fis-suq tad-djar, il-korrezzjoni tal-prezzijiet tad-djar aġġustati skont l-inflazzjoni tkompli, minkejja li b'pass anqas mgħaġġel minn snin preċedenti. Is-suq immobiljari dgħajjef huwa ta' sfida għall-portafoloi ta' self tal-banek, li ħafna minnhom huma ggarantiti b'ipoteki. Fis-suq tax-xogħol, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u s-sehem ta' żgħażagħ mhux fl-impjieg, l-edukazzjoni jew fit-taħriġ jibqa' għoli, filwaqt li r-rata ta' attività tibqa' waħda mill-aktar baxxa fl-UE. Il-faqar u l-eskluzjoni soċjali huma fost l-ogħla fl-UE. *Programmi suċċessivi ta' assistenza finanzjarja għenu biex jitnaqqsu r-riskji ekonomiċi fir-Rumanija. Minħabba d-dewmien fit-tlestija tar-reviżjonijiet semi-annwali tal-arranġament prekawzjonali, li huwa ppjanat li jintemm sa Settembru 2015, ir-Rumanija għandha tiġi integrata mill-ġdid taħt is-sorveljanza tal-MIP. Dan jinkludi t-tħejjija ta' reviżjoni fil-fond biex teżamina ulterjorment il-persistenza tal-iżbilanċi u r-riskji jew it-taħlil tagħhom.*

Is-Slovenja: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Islovenja kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi bil-ħtieġa ta' monitoraġġ speċifiku u azzjonijiet ta' politika deċiżivi. B'mod partikolari, huma meħtieġa azzjonijiet deċiżivi biex jindirizzaw ir-riskji li jinbtu minn struttura ekonomika kkaratterizzata minn governanza korporattiva dgħajfa, livell għoli ta' involviment mill-istat, settur korporattiv b'ingranaġġ għoli, telf fil-kompetittività tal-kost u livell dejjem jiżdied ta' dejn tal-gvern. Kif imħabbar f'Marzu 2014 u f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet għaż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni implimentat monitoraġġ speċifiku għall-implimentazzjoni tal-politika għas-Slovenja.[39] Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, uħud mill-indikaturi huma ogħla mil-limitu indikattiv, jiġifieri il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali nett, il-bidla fis-sehem mis-suq ta' esportazzjonijiet, u d-dejn tal-gvern ġenerali.

Grafika A23: ***NIIP u l-bilanċ tal-KK***



Sors: Eurostat

*Nota: * tindika BPM5 u ESA95 - waqfa fis-serje fl-2009 (KK). Irreferi għall-anness tal-istatistika għal aktar dettalji.*

Il0kont kurrenti kompla l-korrezzjoni qawwija tiegħu biex jilħaq surplus imdaqqas fl-2013, hekk kif kibret l-esportazzjoni u naqset id-domanda domestika. B'konsegwenza ta' hekk, il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta tjiebet b'mod konsiderevoli, għalkemm tibqa' ftit ogħla mill-limitu. Wara ħames snin ta' tnaqqis, l-ishma tas-suq tal-esportazzjonijiet tas-Slovenja żdiedu fl-2013. Ir-restawrazzjoni tal-prezzijiet u l-kompetittivita tal-kost ġew limitati hekk kif il-kost ta' unità lavorattiva bilkemm stabbilizza wara ż-żidiet f'daqqa rreġistrati fis-snin tal-bidu tal-kriżi. Id-dejn tas-settur privat kompla jonqos, xprunat minn dejn korporattiv dejjem jonqos. Dan fil-parti l-kbira kien minħabba tkabbir ta' kreditu negattiv, aktar milli r-ristrutturar tal-istokks eżistenti. Id-diżingranaġġ kontinwu tas-settur finanzjarju aċċellera b'mod sinifikanti fl-2013 minħabba t-trasferiment ta' self improduttiv lill-Kumpanija tal-Immaniġġar tal-Assi Bankarji tal-istat u rikapitolizzazzjoni tal-banek mill-gvern. B'konsegwenza t'hekk, id-dejn totali tal-gvern kiber f'daqqa u bħalissa jinsab ħafna ogħla mill-limitu. Ir-rata ta' qgħad laħqet l-ogħla livell fl-2013, taħt il-limitu indikattiv. Madankollu, fl-2013, il-qgħad fuq żmien twil laħaq livelli rekord. *Kollox ma' kollox il-Kummissjoni taraha utli, anki meta tqis l-identifikazzjoni tal-iżbilanċi eċċessivi f'Marzu 2014, li teżamina aktar il-persistenza tal-iżbilanċi tar-riskji makroekonomiċi u li tagħmel monitoraġġ fuq il-progress fit-taħlil tal-iżbilanċi eċċessivi.*

Is-Slovakkja: Fir-rawnds preċedenti tal-MIP ma ġew identifikati ebda żbilanċi makroekonomiċi fl-Islovakkja. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, uħud mill-indikaturi għadhom ogħla mil-limiti indikattivi, fosthom in-NIIP u r-rata ta' qgħad.

[39] Ara COM(2014) 150, 5.3.2014) u r-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro (2014/C 247/27, ĠU 247, 29.7.2014, p. 141). Ir-rapporti dwar il-monitoraġġ speċifiku se jkunu pubbliċi.

In-NIIP tas-Slovakkja ddeterjora ftit fl-2013, iżda d-dejn estern tagħha jibqa' baxx u relattivament stabbli minħaba l-istokk għoli ta' IDB. Il-bilanċ tal-kont kurrenti tjieb, b'surplases żgħar irreġistrati fl-2012 u l-2013. Il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tidher stabbli, bi ftit telf akkumulat ta' sehem mis-suq u xi gwadanni fl-2013. L-iżviluppi fil-kopetittività tal-prezz u tal-kost ma jirrappreżentawx raġuni għal tħassib, bit-tkabbir kemm tar-REER kif ukoll tal-kost ta' unità lavorattiva jkunu stabbli. Id-dejn tas-settur privat baqa' stabbli, bis-saħħa ta' flussi ta' kreditu moderatament pożittivi. Is-settur tal-bank jibqa' kapitalizzat tajjeb u l-obbligazzjonijiet totali huma stmati li naqsu ftit fl-2013. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali kompla jiżdied fl-2013 iżda għadu taħt il-limitu. Wara tnaqqis għal erba' snin wara xulxin, il-prezzijiet tas-sjar stabilizzaw fl-2013. Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol tirrifletti l-persistenza ta' differenzi reġjonali maġġuri fit-tkabbir ekonomiku u l-impjieg. Il-qgħad jibqa' l-aktar kwistjoni tal-politika ekonomika urġenti, minħabba l-implikazzjonijiet soċjali. Il-biċċa l-kbira tal-qgħad huwa fuq żmien twil, li jissuġġerixxi li n-natura tiegħu hija strutturali. il-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa problema serja wkoll. *Globalment, il-Kummissjoni f'dan l-istadju mhix se twettaq aktar analiżi approfondita fil-kuntest tal-MIP.*

Grafika A24: Is-suq tax-xogħol u l-indikaturi



Sors: Eurostat

Il-Finlandja: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Finlandja kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' żviluppi marbuta mal-kompetittività. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, tliet indikaturi huma ogħla mil-limiti indikattivi jiġifieri l-bidla fis-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet, il-bidla fil-kostijiet ta' unità lavorattiva u l-livell tad-dejn tas-settur privat.

Grafika A25: Sehem is-suq tal-esportazzjoni u l-bilanċ tal-KK



Sors: Eurostat

Ix-xejra ta' tnaqqis tal-pożizzjoni esterna li twassal għal defiċits moderati fil-kont kurrenti stabilizzat fl-2013, filwaqt li n-NIIP pożittiva tal-Finlandja ddgħajfet ftit. L-esportazzjonijiet tal-finlandja tilfu s-sehem mis-suq aktar malajr minn dawk ta' kull pajjiż ieħor tal-UE. Minkejja li ħafna telf ġara fl-2009-10, il-Finlandja naqset milli tirreġistra l-gwadanni moderati fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni osservati fil-maġġoranza tal-

pajjiżi l-oħra tal-UE. Żviluppi mhux favorevoli tal-kost ta' unità lavorattiva qed jitfgħu piż ukoll fuq il-kompetittivita tal-kost. Għalkemm għaddej ir-ristrutturar tal-indistriji tradizzjonali, dgħufijiet strutturali potenzjali sottostanti għat-telf fil-kompetittività u li jillimitaw il-kapaċità ta' aġġustament ta' kemm is-settur privat kif ukoll dak pubbliku, jistħoqqilhom attenzjoni. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tas-settur privat jibqa' għoli, u huwa ddominat mid-dejn korporattiv. Fl-istess ħin, l-obbligazzjonijiet dejjem jonqsu tas-settur finanzjarju fl-2013 jindikaw diżingranaġġ. It-tnaqqis żgħir fil-prezz reali tad-djar kompla fl-2013, biex b'hekk jillimita r-riskju ta' pressjoni żejda fis-suq tad-djar. Id-differenzi reġjonali dejjem jiżdiedu, madankollu, jistħoqqilhom attenzjoni mill-qrib. Il-qgħad qed jiżdied u l-ambjent tat-tkabbir jibqa' dgħajjef ħafna. *Globalment, il-Kummissjoni ssibha utli, anki billi tqis l-identifikazzjoni ta' żbilanċi f'Marzu 2014, li tkompli teżamina l-persistenza tal-iżbilanċi jew it-taħlil tagħhom.*

L-Isvezja: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Isvezja kienet qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, l-aktar fejn jidħol id-dejn fuq id-djar u l-ineffiċjenzi fis-suq tad-djar. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, is-surplus tal-kont kurrenti, lt-telf tal-esportazzjonijiet tas-sehem mis-suq, u d-dejn tas-settur privat huma ogħla mil-limiti indikattivi tagħhom.

Grafika A26: ***Id-dejn tal-unitajiet domestiċi u l-indiċi tal-prezzijiet tad-djar***



Sors: Eurostat

Is-surplus tal-kont kurrenti jibqa' stabbli, ftit ogħla mil-limitu, li jirrifletti ħafna tfaddil kemm fis-settur privat kif ukoll tal-gvern ġenerali flimkien ma' investiment imrażżan fis-snin riċenti, għalkemm dan huwa mistenni li jirkupra. L-esportazzjonijiet tal-Isvezja tilfu ħafna sehem mis-suq matul is-snin u għalkemm dan it-telf naqas fl-2013, it-telf akkumulat huwa ogħla mil-limitu. Madankollu, l-indikaturi tal-kompetittività tal-kost ma jindikawx problemi, hekk kif il-kost ta' unità lavorattiva huwa pjuttost baxx fl-2013. Il-livell għoli tad-dejn tas-settur privat huwa stabbli iżda jkompli jistħoqlu attenzjoni. Id-dejn korporattiv ilu jonqos mill-2009 iżda jibqa' għoli u huma mistenni jerġa' jiżdied hekk kif il-flussi ta' kreditu qed jerġgħu jiġu fuq saqajhom. Iż-żidiet fid-dejn tal-unitajiet domestiċi naqsu wara r-riformi tas-self ipotekarju iżda d-dejn tal-unitajiet domestiċi reġa' beda jiżdied mill-2012. Id-dejn tal-gvern ġenerali huwa pjuttost baxx. Il-prezzijiet tad-djar aġġustati skont l-inflazzjoni, li stabilizzaw f'livelli għolja fl-2011 u l-2012, reġgħu bdew jikbru b'mod aktar dinamiku min-nofs l-2013 u s-suq tad-djar xorta għadu suxxettibbli għal żvilupp żbilanċjat b'restrizzjonijiet serji ta' forniment. Ir-riskji tal-banek jidhru ristretti, għalkemm il-livelli għolja tad-dejn tal-unitajiet domestiċi, jagħmel lill-banek aktar vulnerabbli għal telf fil-fiduċja jekk il-prezzijiet tad-djar jaqgħu b'mod qawwi. Minħabba li l-banek jiddependu ħafna fuq il-finanzjament ta-suq, kriżi ta' fiduċja żżid minnufih l-ispejjeż ta' ffinanzjar tal-banek u trendi l-pressjonijiet tad-diżingranaġġ aktar akuti. *Globalment, il-Kummissjoni ssibha utli, anki billi*

tqis l-identifikazzjoni ta' żbilanċi f'Marzu 2014, li tkompli teżamina l-persistenza tal-iżbilanċi jew it-taħlil tagħhom.

Ir-Renju Unit: F'Marzu 2014, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Renju Unit kien qed jesperjenza żbilanċi makroekonomiċi, l-aktar fejn jidħol il-qasam tad-dejn tal-unitajiet domestiċi, li huwa marbut ma' livelli għolja ta' dejn tas-self ipotekarju u karatteristiċi strutturali tas-suq tad-djar, u minħabba s-sehem mis-suq dejjem jonqos tal-esportazzjonijiet tar-Renju Unit. Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata, tliet indikaturi huma ogħla mil-limiti indikattivi, jiġifieri: it-telf tal-ishma tas-suq tal-esportazzjonijiet, id-dejn tas-settur privat u d-dejn tal-gvern ġenerali.

Grafika A27: ***Id-dejn tal-unitajiet domestiċi u l-indiċi tal-prezzijiet tad-djar***



Sors: Eurostat

Id-defiċit tal-kont kurrenti kompla jiżdied fl-2013 minkejja li l-indikatur ta' tliet snin jibqa' eżatt fil-valur ta' livell limitu. Fl-istess ħin, in-NIIP negattiv tar-Renju Unit baqa' moderat. Id-deterjorament akkumulat fis-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet jibqa' ħafna ogħla mil-limitu indikattiv għalkemm ir-rata ta' tnaqqis waqgħet fl-2013. L-indikaturi tal-kompetittività tal-kost huma pjuttost stabbli. Il-livell għoli ta' proporzjon tad-dejn tas-settur privat għall-PDG qed jonqos b'mod gradwali, mgħejun minn tkabbir nominali, iżda jibqa' ħafna ogħla mil-limitu indikattiv. Il-prezzijiet tad-djar jerġgħu jkomplu jiżdiedu wara fażi ta' korrezzjoni żgħira. Madankollu, il-varjazzjoni reġjonali fit-tkabbir tal-prezzijiet tad-djar flimkien ma' żidiet kbar kontinwi ta' dejn, jissuġġerixxu li s-settur tad-djar jista' jkun vulnerabbli għal xokkijiet fuq żmien medju u jista' jkollu effetti konsegwenzjali fuq l-ekonomija b'mod ġenerali. Id-dejn għoli tal-gvern ġenerali għadu problema, dan l-aħħar ikkalma iżda għadu jrid jilħaq il-quċċata tiegħu. Li-impjieg ikompli jikber b'rati għolja u r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u tan-NEET naqsu. *Globalment, il-Kummissjoni ssibha utli, anki billi tqis l-identifikazzjoni ta' żbilanċi f'Marzu 2014, li tkompli teżamina l-persitenza tal-iżbilanċi jew it-taħlil tagħhom.*

Tabella A.1: Tabella ta' Valutazzjoni tal-MIP 2013

Sena 2013	Żbilanċi Esterni u Kompetittività								Żbilanċi Interni						
	Bilanċ tal-Kont Kurrenti bħala % tal-PDG		Pożizzjoni Netta ta' Investiment Internazzjonali bħala % tal-PDG	Rata tal-Kambju Reali Effettiva *(42 IC - HICP deflator)*		Ishma tas-Suq tal-Esportazzjoni		KUL Nominali		% ta' bidla sena wara sena fil-Prezzijiet tad-Djar Deflatati	Fluss ta' Kreditu tas-Settur Privat bħala % tal-PDG, konsolidat	Dejn tas-Settur Privat bħala % tal-PDG, konsolidat	Dejn tas-Settur tal-Gvern Ġenerali bħala % tal-PDG	Rata ta' Qgħad		% ta' bidla sena wara sena fl-Obbligazzjoni jiet Totali tas-Settur Finanzjarju
	medja ta' 3 snin	p.m.: sena livell		% bidla (3 snin)	p.m.: % bidla sena wara sena	% bidla (5 snin)	p.m.: % bidla sena wara sena	% bidla (3 snin)	p.m.: % bidla sena wara sena					medja ta' 3 snin	p.m.: sena livell	
Limiti	-4/6%	-	-35%	±5% & ±11%	-	-6%	-	9% & 12%	-	6%	14%	133%	60%	10%	-	16.5%
BE	-1.6	0.1	*45.8*	-0.3	1.5	-9.1	3.6	8.6	2.0	0.0	1.1	163.0	104.5	7.7	8.4	-2.4
BG	*0.4*	2.6	*-76.2*	-1.0	0.1	*5.7*	*6.3*	14.8p	7.2p	-0.1	6.7	134.8	18.3	12.2	13.0	3.3
CZ	-1.7	-1.4	-40.1	-3.1	-2.3	-7.7	-0.8	3.7	0.5	-1.2	3.1p	73.7p	45.7	6.9	7.0	9.8p
DK	6.1	7.1	*39.7*	-2.6	1.0	-17.9	2.3	3.4	1.4	2.8	-1.4	222.6	45.0	7.4	7.0	-0.1
DE	6.7	6.8	42.9	-1.9	2.2	-10.7	2.4	6.4	2.4	1.8p	1.2p	103.5p	76.9	5.6	5.3	-6.3p
EE	-1.2	-1.4	-47.1	3.1	2.9	14.0	3.4	9.6	6.8	7.3	5.4	119.4	10.1	10.3	8.6	8.9
IE	1.1	4.4	*-104.9*	-3.9	1.6	-4.9	1.7	1.3	4.2	0.3	-5.7	266.3	123.3	14.2	13.1	1.0
EL	-3.9	0.6	-121.1	-4.4	-0.6	*-27.3*	2.9	-10.3p	-7.0p	-9.3e	-1.1p	135.6p	174.9	23.3	27.5	-16.3
ES	-0.7	1.4	-92.6	-0.4	1.9	*-7.1*	4.4	-4.6p	-0.6p	-9.9	-10.7p	172.2p	92.1	24.1	26.1	-10.2
FR	-1.3	-1.4	-15.6	-2.3	1.6	-13.0	2.4	3.9	1.1	-2.6	1.8e	137.3e	92.2	9.8	10.3	-0.6
HR	-0.1	0.8	*-88.7*	-4.0	1.2	-20.9	3.5	*0.9*	*1.4*	-18.1p	-0.2	121.4	75.7	15.8	17.3	3.4
IT	-0.9	1.0	-30.7	0.0	1.9	-18.4	1.3	4.1	1.3	-6.9p	-3.0	118.8	127.9	10.4	12.2	-0.7
CY	*-4.0*	-3.1	-156.8	-0.8	1.1	*-27.2*	*-3.9*	-5.9p	-5.9p	-5.5	-11.2p	344.8p	102.2	11.9	15.9	-19.5
LV	-2.8	-2.3	-65.1	-1.7	-0.9	8.4	3.1	10.5	7.3	6.6	0.8	90.9	38.2	14.4	11.9	5.2
LT	-1.2	1.6	-46.4	-0.6	0.9	22.1	8.9	6.0	3.0	0.2	-0.2	56.4	39.0	13.5	11.8	-1.8
LU	5.5	4.9	216.4	0.7	1.5	2.2	9.9	10.5	3.6	4.9	27.7	356.2	23.6	5.3	5.9	8.8
HU	2.2	4.1	-84.4	-4.0	-1.4	-19.2	4.1	5.9	0.8	-5.0	-1.0	95.5	77.3	10.7	10.2	-0.3
MT	4.0	3.2	49.2	-1.3	1.4	*-4.0*	-0.2	9.5	0.9	-2.1	0.4p	137.1	69.8	6.4	6.4	0.7
NL	*9.8*	9.9	31.3	0.4	2.7	*-9.2*	*2.1*	6.3p	1.6p	-7.8	2.1p	229.7p	68.6	5.5	6.7	-3.2
AT	1.4	1.0	-0.2	0.7	2.1	-17.0	1.8	6.4	2.6	2.5e	0.2	125.5	81.2	4.5	4.9	-3.6
PL	-3.3	-1.3	-68.0	-4.3	0.2	*-0.4*	6.6	3.9p	0.9p	-4.4e	2.9	74.9	55.7	10.0	10.3	7.6
PT	-2.5	0.7	-116.2	-0.6	0.3	-5.3	7.7	-3.0e	1.9e	-2.5	-2.4e	202.8e	128.0	15.0	16.4	-5.3
RO	-3.3	-0.8	-62.4	0.3	3.9	16.4	16.3	0.7p	4.2p	-4.6p	-1.5p	66.4p	37.9	7.0	7.1	3.1
SI	2.8	5.6	-38.2	-0.7	1.3	*-16.6*	3.3	1.3	1.4	-5.8	-4.0	101.9	70.4	9.1	10.1	-10.5
SK	*0.2*	*2.1*	*-65.1*	2.1	0.9	*-2.2*	*3.9*	2.5	0.3	-0.5	5.4	74.8	54.6	14.0i	14.2	-0.3
FI	-1.7	-1.4	8.8	0.1	2.9	-32.2	-2.8	9.5	1.7	-1.3	0.7	146.6	56.0	7.9	8.2	-11.8
SE	6.1	6.6	-10.8	5.1	1.7	-15.0	0.1	8.1	1.1	4.7	3.7	201.1	38.6	7.9	8.0	9.1
UK	-3.2	-4.2	-15.6	3.4	-1.5	-11.7	-1.7	3.8	1.5	1.6	3.4p	164.5p	87.2	7.9	7.6	-7.4p

M markar: e: stmat. p: provvižorju

Nota: Iċ-ċifri sottolineati huma dawk li jaqgħu 'l barra mil-limitu stabbilit mill-AMR. Għar-REER u l-KUL l-ewwel limitu jikkonċerna ż-ŻE u t-tieni wieħed jikkonċerna l-Pajjiżi Membri li mhumiex fiż-ŻE. (1) Ċifri li huma bil-korsiv huma skont l-istandards ESA95/BPM5.(2) Il-Bilanċ tal-Kont Kurrenti tal-IE ġie rivedut l'isfel wara bidliet metodoloġiċi fit-trattament tal-introjtu tal-investiment tal-IDB. (3) Il-Bilanċ tal-Kont Kurrenti tal-MT ġie rivedut 'il fuq wara l-inkorporazzjoni tad-dejta tad-dejta tal-SPE estratta mir-reġistru amministrattiv u estimi tal-kont nazzjonali. (4) Il-Pożizzjoni ta' Investiment Internazzjonali CY ġiet riveduta 'l isfel wara l-inkorporazzjoni ta' SPE proprjetarji ta' bastimenti. (5) Il-Pożizzjoni ta' Investiment Internazzjonali LU ġiet riveduta 'l fuq wara bidliet metodoloġiċi fit-trattament ta' self intragrupp ta' SPE u informazzjoni minn stħarriġ ġdid ta' ġbir fis-settur finanzjarju. (6) Il-Pożizzjoni ta' Investiment Internazzjonali MT ġiet riveduta 'l fuq wara l-inkorporazzjoni tad-dejta tal-SPE minn rekords amministrattivi u dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati. (7) Esportazzjoni totali dinjija hija bbażata fuq BPM5. (8) Minħabba derogi għas-serje ta' impjieg skont ESA 2010, HR ULC huwa bbażat fuq ESA 95. (9) Prezz tad-djar biss: e= estimi tal-NSI għal PL; NCB sors għal EL, AT. (10) Ir-Rata ta' Qgħad ta' FR ġiet riveduta 'l isfel. Ir-reviżjoni hija prinċipalment minħabba tibdil metodoloġiku lill-LFS.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Eurostat u DĠ ECFIN (għall-indikaturi fuq ir-REER)

Tabella A.2: Indikaturi Awżiljarji, 2013

Sena 2013	% Bidla minn sena għal sena fil-PDG reali	Formazzjoni Grossa tal-kapital fiss bħala % tal-PDG	Nefqa Domestika Grossa fuq ir- R&Ż bħala % tal-PDG	Self Nett/ Tislif Nett bħala % tal-PDG	Dejn Estern Nett bħala % tal-PDG	Fluss intern tal-IDB bħala % tal-PDG	Stokks tal-IDB interni bħala & tal-PDG	Bilanċ Kummerċjali Nett tal-Prodotti tal-Enerġija bħala % tal-PDG	% Bidliet (3 snin)fir-REER vs. ŻE	% Bidla (5 snin) fil-Prestazzjoni tal-Esportazzjoni vs Ekonomiji Avvanzati	% Bidla (5 snin) f'Termini tal-Kummerċ	% Bidla sena wara sena fis-Sehem mis-Suq tal-Esportazzjoni, fil-volum	% Bidla sena wara sena fil-Produttività tax-Xogħol	% Bidla (10 snin) f'KUL nominali	% Bidla (10 snin) fil-Prestazzjoni tal-KUL relattiva maż-ŻE	% Bidla (3snin) fi Prezzijiet tad-Djar Nominali	Kostruzzjoni Residenzjali bħala % tal-PDG	Dejn tas-Settur Privat bħala % tal-PDG mhux konsolidat	Ingranaġġ tas-Settur Finanzjarju (dejn u ekwità)
BE	0.3	22.3	na	0.1	*-86.8*	-11.1	*191.2*	-4.4	0.6	-2.6	0.5	-0.8	0.6	23.1	5.7	7.6	5.9	190.6	166.3
BG	1.1	21.3	na	3.7	*25.5*	3.3	*95.9*	-6.4	-0.4	*13.2*	4.5	9.2	1.5p	85.1p	57.4	-9.3	na	145.7	384.6
CZ	-0.7	24.9	na	-0.1	-3.8	3.9	77.9	-4.9	-2.4	-1.1	-1.0	-3.0	-1.1	16.0	0.1	-1.6	3.3	82.4p	536.8p
DK	-0.1	18.4	na	7.1	*9.8*	-0.2	*29.5*	0.1	-1.3	-12.1	1.9	1.0	-0.3	25.3	7.1	-0.6	3.8	222.7	193.2
DE	0.1	19.7	na	6.9	-12.2	1.4	40.2	-3.5	-0.7	-4.3	0.6	-2.2	-0.5	10.4	-8.4	10.4p	5.9	110.0p	422.3p
EE	1.6	27.3	na	1.4	*-6.4*	3.6	95.4	-2.4	5.5	22.1	-1.8	-0.6	0.4	71.5	45.1	28.8	3.3	126.9	288.3
IE	0.2	15.2	na	4.4	*-425.3*	16.0	*166.9*	-3.3	-3.1	1.9	-2.3	-2.0	-2.1	16.6	-0.3	-22.2	2.0	292.6	99.6
EL	-3.9p	11.2p	na	2.3	130.9	1.2	11.1	-3.4p	-3.4	*-22.1*	-0.7p	-0.6	-0.1p	14.1p	-2.9	-25.5e	2.2p	135.6p	792.7
ES	-1.2p	18.5p	na	2.1	91.2	3.0	54.8	-3.3p	0.4	*-0.4*	-1.2p	1.7	1.4p	15.4p	-0.5	-28.5	*4.4*	187.2p	544.9
FR	0.3	22.1	na	-1.3	32.4	0.2	40.8	-3.1	-1.3	-6.8	-0.3	-0.8	0.5	18.9	1.6	3.2	6.1	175.2	373.4
HR	-0.9	19.3	na	0.9	*60.3*	1.7	*55.1*	-5.0	-2.9	-15.3	1.5	0.7	*0.1*	*23.9*	4.4	-18.8p	na	130.2	425.5
IT	-1.9	17.8	na	1.0	59.2	0.9	23.8	-3.3	1.0	-12.6	-0.3	-3.0	0.0	23.6	7.6	-7.7p	4.8	120.8	951.7
CY	-5.4p	13.4p	na	-1.7	115.4	15.6	275.5	-6.3p	1.0	*-22.0*	-0.9p	-7.3	-0.1p	6.3p	-7.7	-11.0	3.9p	347.4p	253.1
LV	4.2	23.3	na	0.1	35.8	3.2	53.0	-5.4	0.3	16.1	1.1	-2.1	1.9	89.3	57.6	20.5	2.0	108.4	609.8
LT	3.3	18.2	na	4.6	28.4	1.5	37.7	-7.3	1.3	30.8	-5.3	6.4	1.9	*38.6*	15.0	7.7	2.2	60.5	576.8
LU	2.0	17.1	na	3.8	-2072.9	724.1	5206.0	-5.6	1.7	9.5	2.9	-0.6	0.0	38.6	18.3	13.6	3.1	421.8	63.2
HU	1.5	19.9	na	7.8	58.6	-3.2	215.9	-6.4	-3.2	-13.4	-0.2	2.1	0.7	30.6	12.5	-9.4	1.4	118.3	120.6
MT	2.5	17.5	na	4.9	*-115.5*	5.7	*132.4*	-9.6	0.1	*2.8*	1.0	-6.2	-1.3	29.1	11.8	1.9	2.9	182.4	15.5
NL	-0.7p	18.2p	na	8.6	41.5	37.1	537.7	-1.4p	1.4	*-2.7*	-1.6p	-1.4	0.6p	15.4p	0.5	-14.0	3.3p	246.3p	136.6p
AT	0.2	22.2	na	0.9	20.2	3.6	77.0	-3.5	1.6	-11.0	-1.7	-0.5	-0.5	20.7	1.9	22.6e	4.3	140.8	209.4
PL	1.7	18.8	na	1.0	35.7	0.0	49.0	-2.7	-3.3	*6.7*	0.3	1.4	1.7p	16.4p	-0.9	-6.7e	*2.5*	78.1	274.1
PT	-1.4e	15.1e	na	2.3	102.3	3.9	69.2	-3.6e	0.1	1.5	3.2	7.8	1.6e	6.5e	-8.7	-13.3	2.3e	218e	365.2
RO	3.5p	24.7p	na	1.3	*34.6*	2.0	42.8	-1.9p	0.7	24.8	2.2p	10.4	4.8p	86.5p	58.4	-19.9p	na	67.5p	470.7
SI	-1.0	19.7	na	5.9	34.9	0.2	29.2	-5.5	0.0	*-10.6*	-2.1	-0.5	0.5	28.3	9.6	-9.4	2.5	113.1	591.8
SK	1.4	20.4	na	*3.6*	*23.1*	*0.6*	*59.1*	-5.9	2.5	*4.8*	-4.7	1.3	2.2	22.3	5.5	-3.3	2.4	77.8	844.1
FI	-1.2	21.2	na	-1.3	*35.1*	-4.5	46.8	-2.6	1.9	-27.3	-3.4	-4.9	0.3	28.9	10.0	6.8	6.1	169.8	371.2
SE	1.5	22.1	na	6.4	-63.3	1.2	86.9	-1.5	6.0	-8.9	0.0	1.5	0.5	21.8	3.5	9.4	3.6	244.7	237.0
UK	1.7	16.4	na	-4.2	*26.0*	1.6	73.6	-0.9	4.3	-5.4	2.6	-2.6	0.4	27.7	8.7	4.3	3.4	169.4p	790.5p

M markar: e: stmat. p:provvižorjul. na:mhux disponibbli

Nota: Ċifri bil-korsiv huma skont l-istandards ESA95/BPM5. (1) Prestazzjoni tal-esportazzjoni vs ekonomiji avvanzati (bidla fil-% fuq ħames snin) - esportazzjoni totali tal-OECD hija bbażata fuq il-5 edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ u al-Pagamenti (BPM5). (2) Għall-preżż tad-djar biss: e = Bank Ċentrali Nazzjonali sors għal EL, AT; e =estimi tal- NSI għall- PL. (3) KUL niminali u dejta għall-produttività tax-xogħol għall- HR huma bbażati fuq il-metodoloġija tal-ESA 95, minħabba derogi għas-serje ta' impjiegi skont l-ESA 2010. (4) Id-dejta dwar in-nefqa tar-R&Ż ġiet estratta fil- 1/11/2014 bl-użu tal-PDG tal-ESA-2010 bħala denominatur, id-dejta tal-2013 ser tiġi rilaxxata fit-tieni nofs ta' Novembru 2014.

Sors: Eurostat, DG ECFIN (għall-indikaturi dwar ir-REER vis-à-vis EA u KUL effettiv vis-à-vis EA) u l-kalkoli tal-ECFIN ibbażati fuq id-dejta tal-IMF, WEO (għall-indikatur dwar is-sehem mis-suq tal-esportazzjonijiet f'volum)

Tabella A.2 (tkompli): Indikaturi Awżiljarji, 2013

Sena 2013	% ta' bidla sena wara sena fl-Impjieg	Rata ta' Attività *(15-64 sena)*		Rata ta' qgħad fuq żmien twil *(% tal-popolazzjoni attiva)*		Rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ *(% tal-popolazzjoni attiva fl-istess grupp ta' età)*		Żgħażagħ mhux Fl-impjieg l-edukazzjoni jew it-taħriġ *(% tal-popolazzjoni totali)*		Persuni fir-riskju ta' Faqar jew Esklużjoni Soċjali *(% tal-popolazzjoni totali)*		Rata ta' Faqar f'riskju *(%tal-popolazzjoni totali)*		Rata ta' Privazzjoni ta' Materjali Severa *(%* tal-popolazzjoni *totali)*		Persuni li jgħixu f'Unitajiet Domestiċi b'intensità ta' Xogħol baxxa ħafna *(%* tal-popolazzjoni t*al-età bejn 0-59)*	
		livell	% ta' bdil ta' punti (3 snin)	livell	% ta' bdil ta' punti (3 snin)	livell	% ta' bdil ta' punti (3 snin)	livell	% ta' bdil ta' punti (3 snin)	livell	% ta' bdil ta' punti (3 snin)	livell	% ta' bdil ta' punti (3 snin)	livell	% ta' bdil ta' punti (3 snin)	livell	% ta' bdil ta' punti (3 snin)
BE	-0.3	67.5	-0.2	3.9	-0.2	23.7	1.3	12.7	1.8	20.8	0.0	15.1	0.5	5.1	-0.8	14.0	1.3
BG	-0.4p	68.4	1.9	7.4	2.6	28.4	6.6	21.6	-0.2	48.0	-1.2	21.0	0.3	43.0	-2.7	13.0	5.0
CZ	0.4	72.9	2.7	3.0	0.0	18.9	0.6	9.1	0.3	14.6	0.2	8.6	-0.4	6.6	0.4	6.9	0.5
DK	0.1	78.1	-1.3	1.8	0.3	13.0	-0.9	6.0	0.0	18.9	0.6	12.3	-1.0	3.8	1.1	12.9	2.3
DE	0.6	77.5	0.9	2.4	-1.0	7.9	-2.0	6.3	-2.0	20.3	0.6	16.1	0.5	5.4	0.9	9.9	-1.3
EE	1.2	75.1	1.2	3.8	-3.8	18.7	-14.2	11.3	-2.7	23.5	1.8	18.6	2.8	7.6	-1.4	8.4	-0.6
IE	2.4	69.8	0.4	7.9	1.1	26.8	-0.8	16.1	-3.1	na	na	na	na	na	na	na	na
EL	-3.8p	67.5	-0.3	18.5	12.8	58.3	25.3	20.4	5.6	35.7	8.0	23.1	3.0	20.3	8.7	18.2	10.6
ES	-2.6p	74.3	0.8	13.0	5.7	55.5	14.0	18.6	0.8	27.3b	0.6b	20.4b	-1.0b	6.2	1.3	15.7	4.9
FR	-0.2	71.2b	0.7b	4.1	0.4	24.8	1.5	11.2b	-1.1b	18.1	-1.1	13.7	0.4	5.1	-0.7	7.9	-2.0
HR	*-1.0*	63.7b	2.3b	11.0	4.0	50.0	17.4	19.6b	4.7b	29.9	-1.2	19.5	-1.1	14.7	0.4	14.8	0.9
IT	-2.0	63.5	1.3	6.9	2.8	40.0	12.2	22.2	3.1	28.4	3.9	19.1	0.9	12.4	5.5	11.0	0.8
CY	-5.2	73.6	0.0	6.1	4.8	38.9	22.3	18.7	7.0	27.8	3.2	15.3	-0.3	16.1	4.9	7.9	3.0
LV	2.3	74.0	1.0	5.8	-3.0	23.2	-13.0	13.0	-4.8	35.1	-3.1	19.4	-1.5	24.0	-3.6	10.0	-2.6
LT	1.3	72.4	2.2	5.1	-2.3	21.9	-13.8	11.1	-2.1	30.8	-3.2	20.6	0.1	16.0	-3.9	11.0	1.5
LU	2.0	69.9	1.7	1.8	0.5	16.8	1.0	5.0	-0.1	19.0	1.9	15.9	1.4	1.8	1.3	6.6	1.1
HU	0.8	65.1	2.7	5.0	-0.5	27.2	0.6	15.4	3.0	33.5	3.6	14.3	2.0	26.8	5.2	12.6	0.7
MT	3.8	65.0	4.6	2.9	-0.2	13.0	-0.2	10.0	0.5	24.0	2.8	15.7	0.2	9.5	3.0	9.0	-0.2
NL	-1.3p	79.7b	1.5b	2.4	1.2	11.0	2.3	5.1	0.8	15.9	0.8	10.4	0.1	2.5	0.3	9.4	1.0
AT	0.7	76.1b	1.0b	1.2	0.1	9.2	0.4	7.1b	0.0b	18.8	-0.1	14.4	-0.3	4.2	-0.1	7.8	0.0
PL	-0.1p	67.0	1.7	4.4	1.4	27.3	3.6	12.2	1.4	25.8	-2.0	17.3	-0.3	11.9	-2.3	7.2	-0.1
PT	-2.9	73.0	-0.7	9.3	3.0	38.1	9.9	14.1	2.7	27.4	2.1	18.7	0.8	10.9	1.9	12.2	3.6
RO	-1.2p	64.6	1.0	3.3	0.9	23.7	1.6	17.2	0.8	40.4	-1.0	22.4	1.3	28.5	-2.5	6.4	-0.5
SI	-1.5	70.5	-1.0	5.2	2.0	21.6	6.9	9.2	2.1	20.4	2.1	14.5	1.8	6.7	0.8	8.0	1.0
SK	-0.8	69.9	1.2	10.0	0.7	33.7	-0.2	13.7	-0.4	19.8	-0.8	12.8	0.8	10.2	-1.2	7.6	-0.3
FI	-1.5	75.2	0.7	1.7	-0.3	19.9	-1.5	9.3	0.3	16.0	-0.9	11.8	-1.3	2.5	-0.3	9.0	-0.3
SE	1.0	81.1	2.0	1.5	-0.1	23.6	-1.2	7.5	-0.2	16.4	1.4	14.8	1.9	1.4	0.1	7.1	1.1
UK	1.3	76.6	1.1	2.7	0.2	20.7	0.9	13.3	-0.4	24.8	1.6	15.9	-1.2	8.3	3.5	13.2	0.0

Mmarkar: b: interruzzjoni fis-sejre ta' żmien. p: provviżorju. na: mhux disponibbli.

Nota: Ċifru bil-korsiv huma skont l-istandard ESA 95. (1) Serje ta' impjieg għal HR huma bbażati fuq il-metodoloġija ESA 95, minħabba derogi skont ESA 2010. (2)Ir-rata ta' attività u ż-żgħażagħ mhux fl-impjieg, l-edukazzjoni jew it-taħriġ: interruzzjoni fis-serje ta' żmien għal AT u HR minħabba l-użu tar-riżultati taċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni tal-2011. (3) Dejta ta' Nies f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali għall-IE na: id-data ta' rilaxx għad-dejta tal-2013 hija 30/11/2014, filwaqt li d-dejta ġiet maħruġa fil- 01/11/2014.
Sors: Il-Kumissjoni Ewropea, Eurostat